Vol 47
Nru 231
Jannar - Marzu 2026

# L-ART Imqaddsa

RIVISTA BIBLIKA



L-ART IMQADDSA

Rivista Biblika
li toħroġ kull tliet xhur
mill-Kummissarjat tal-Art
Imqaddsa tal-Provinċja
Franġiskana Maltija

EDITUR:
P. Twanny Chircop OFM
Kummissarju
tal-Art Imqaddsa

BORD EDITORJAL:
P. Marcello Ghirlando OFM
P. Noel Muscat OFM
Mr. Louis Casha

DISTRIBUZZJONI:
Fra. Lorrie Zerafa OFM

ABBONAMENT:
€10 fis-sena
€15 jew aktar Sostenitur

Kummissarjat
tal-Art Imqaddsa
8, Triq Santa Luċija,
Valletta, VLT 1213
Malta.
Tel: 2124 2254

DISINN U STAMPAR:
Best Print Co. Ltd

Il-Materjal kollu li jidher
f'din ir-Rivista
huwa Copyright ©
tal-Kummissarjat tal-Art
Imqaddsa u l-Edizzjoni
TAU, 2026

comalt@ofm.org.mt
Qoxra Quddiem:
*Il-Muntanja Arbel fuq*
*l-Ghadira tal-Galilija*

# Werrej


6

15



20




26

6 Har Haosher l-Għar tal-Beatitudni

15 It-Tieni Isaija u l-Qaddej Midluk Ċiru

20 L-Apokalissi (10)

26 Il-Prologu tal-Evanġelju Skont San Ġwann

36 Għall-Iskoperta tat-Tabor Moħbi

41 Il-Profeziji Messjaniċi f'Isaija 7-12



36

# Editorjal

ta' Patri Twanny Chircop ofm



## APPELL MILL-KUSTODJU TAL-ART IMQADDSA

Il-Kustodju tal-Art Imqaddsa, Patri Francesco Ielpo OFM, għall-okkażjoni tar-Randan 2026 u bi preparazzjoni għall-Ġabra li ssir f'ħafna pajjiżi b'riżq l-Art Imqaddsa nhar il-Ġimgħa l-Kbira, bagħat messaġġ biex jissensibilizza lill-insara dwar il-qagħda tal-Kristjani li jgħixu fl-Art Imqaddsa. Għalkemm fl-arċidjoċesi ta' Malta l-Ġabra tal-Art Imqaddsa ssir f'Ħadd ta' Settembru u fid-djoċesi ta' Għawdex issir personalment minna l-Franġiskani fil-bosta parroċċi fl-ewwel Ħdud tas-sena, jidhrilna li tajjeb li dan il-messaġġ inwassluh biex inkomplu nħeġġu lill-insara Maltin u Għawdxin dwar l-importanza tas-support morali u ekonomiku għall-Art Imqaddsa. Il-Kustodju kiteb dawn il-kelmiet:

"Ħuti għeżież, il-Mulej jagħtikom is-sliem! Qed toqrob il-Ġimgħa Mqaddsa, u l-qalb tagħna u l-ħarsa tagħna jirritornaw hawnhekk fl-Art Imqaddsa, fl-Art li fiha l-Iben ta' Alla offra ħajtu u offriha sal-aħħar, u b'hekk b'din l-offerta twieldet il-Knisja. Illum ukoll, minn dawn il-Postijiet Qaddisa, inkomplu nimlew mill-għejun tal-Għid is-sens u t-tama tas-servizz tagħna. Imma ma nistgħux naħbu li qed ngħixu fi żmien diffiċli.

"Il-gwerra, il-vjolenza u n-nuqqas ta' sigurtà laqtu b'mod iebes lil Gaża, il-Palestina, Israel, il-Libanu u s-Sirja.




© custodia.org

Ma' dan l-inkwiet kollu nżidu n-nuqqas twil tal-preżenza tal-pellegrini, li jikkumplika s-sitwazzjoni ekonomika li diġà tinsab fi kriżi profonda.

"Bosta familji Kristjani, li jgħixu bis-saħħa tal-pellegrinaġġi, illum jitħabtu biex ikunu jistgħu jgħixu. Iż-żgħażagħ dejjem aktar qed isibuha diffiċli li jimmaġinaw li jkollhom futur hawnhekk, fl-art tagħhom. It-tama nnifisha tidher ferita, kull fejn tħares, f'Betleħem, Ġerusalemm, fit-Tramuntana ta' Israel, kif ukoll fil-Libanu u fis-Sirja. F'dan il-kuntest jidwu qawwija l-kliem tal-Papa li fakkarna fl-urġenza tad-dmir li nitolbu u nsumu għall-paċi, u li jitlob b'insistenza li tinstab soluzzjoni għall-konflitt fl-Art Imqaddsa.

"Il-Ġimgħa l-Kbira, b'hekk, għalina tieħu tifsira aktar profonda. Il-Ġabra Pontifiċja *Pro Terra Sancta* (Għall-Art Imqaddsa) mhix biss ġest ta' solidarjetà: hi sinjal konkret ta' komunjoni mal-Knisja ta' Ġerusalemm. Grazzi għal din il-Ġabra aħna nistgħu nżommu l-iskejjel, il-parroċċi, l-opri karitattivi, il-proġetti soċjali u l-interventi ta' emerġenza, filwaqt li nżommu ħajja l-preżenza Kristjana fil-Postijiet tal-Fidwa.

"Illum aktar minn qatt qabel aħna msejħin biex nerġgħu nibnu: mhux biss bini materjali, imma aħna msejħin biex nerġgħu nibnu r-relazzjonijiet, il-fiduċja, it-tama. Dan kollu jgħaddi, fuq kollox, mill-kamp tal-edukazzjoni taż-żgħażagħ, tal-familji, tal-postijiet li fihom tista' titwieled kultura ta' konvivenza u ta' paċi.

"Fil-Ġimgħa l-Kbira, filwaqt li nikkontemplaw il-Kurċifiss, nitolbukom biex ma tinsewx l-Art Imqaddsa. Ftakru dejjem fina fit-talb u għinuna bil-ġenerożità tagħkom. Meta tkunu qrib tagħna hu għalina sinjal prezzjuż ta' fraternità u ta' tama. Mill-Postijiet Qaddisa aħna niżgurawkom li niftakru fikom fit-talb tagħna u nawgurawlkom li tkunu tistgħu tgħixu l-Għid tal-Mulej bħala għajn ta' ħajja ġdida. Grazzi mill-qalb."

Dawn il-kelmiet tal-Kustodju Patri Francesco Ielpo huma tifkira qawwija li s-sitwazzjoni fl-Art Imqaddsa għadha kritika. Dan għaliex sfortunatament, ħafna qegħin jaħsbu li, għax waqfu l-bumbardamenti fuq Gaża (imma lanqas dan mhu veru) issa l-gwerra spiċċat u kollox reġa' lura għan-normal. Fil-fatt il-problemi għadhom hemm. Gaża għadha meqruda u ma nafux x'futur se jkollha. Il-proposta tal-politiċi mondjali li joħolqu "Board of Peace" biex jerġgħu jibnu Gaża wara t-tifrik tal-gwerra mhijiex is-soluzzjoni. Il-Kardinal Pierbattista Pizzaballa OFM, Patrijarka ta' Ġerusalemm tal-Latini, kien ċar dwar din l-inizjattiva u qal li hi biss azzjoni ta' dominazzjoni kolonjalista fuq popolazzjoni li ma titħalliex tibni l-futur tagħha fir-rispett lejn

l-awtonomija u d-dinjità. Il-Kardinal Pietro Parolin, Segretarju tal-iStat tal-Vatikan, qal ċar u tond li inizjattiva bħal din ma għandniex tkun waħda ta' pajjiżi għonja li għandhom interessi strateġiċi u ekonomiċi, imma pjuttost trid tkun inizjattiva meħuda mill-Ġnus Magħquda, li huma l-uniku organu internazzjonali li għandu awtorizzazzjoni biex jintervjeni f'sitwazzjonijiet bħal dawn.

Il-kliem tal-Kustodju juri li l-qagħda ekonomika tal-Insara tal-Art Imqaddsa għadha mwiegħra, anke barra mit-territorji okkupati (Betleħem, Ġeriko, Nablus, Ramallaħ, eċċ). Anke fil-Galilija, fejn l-Insara huma ċittadini tal-iStat ta' Israel, hemm ukoll ir-riperkussjonijiet tal-gwerra. Il-fatt li għal sentejn u nofs ma marrux pellegrini ħalla effett ikraħ fuq l-ekonomija tal-familji Insara li jiddependu mit-turiżmu reliġjuż.

Għal din ir-raġuni hu importanti li nuru solidarjetà mal-Insara tal-Art Imqaddsa b'żewġ modi prinċipali. Qabel xejn li nkunu ġenerużi fl-għajnuna materjali lejn l-Insara Kattoliċi, li huma taħt il-ħarsien tal-Kustodja tal-Art Imqaddsa u tal-Patrijarkat Latin ta' Ġerusalemm, kif



*Il-knisja ta' Gaza. © custodia.org*

ukoll lejn l-Insara tal-Knejjes Orjentali l-oħrajn. Dan permezz tal-Ġabra għall-Art Imqaddsa li fiha aħna l-Maltin u l-Għawdxin dejjem urejna ruħna sensibbli għall-bżonnijiet tal-Missjoni tal-Art Imqaddsa. Imma l-għajnuna tagħna tista' wkoll titkompla matul is-sens permezz ta' offerti li nistgħu nindirizzaw permezz tal-Kummissarjat tal-Art Imqaddsa f'Malta fis-sede tiegħu uffiċjali.

Fuq kollox it-tieni mod kif ngħinu l-Art Imqaddsa hu li nagħmlu kuraġġ u mmorru pellegrini fl-Art ta' Ġesù. Nirrepetu u nerġgħu nirrepetu: is-Santwarji u l-Postijiet Qaddisa huma postijiet "safe" għall-pellegrini. Kieku nkomplu mmorru, almenu fi gruppi żgħar, inkunu qed nagħtu ħajja u tama ġdida lill-Insara tal-Art Imqaddsa u lill-familji tagħhom. Minn din is-sena l-Kummissarjat qed jerġa' jorganizza pellegrinaġġi. Nagħmlu kuraġġ u nifhmu l-bżonn li, bil-preżenza tagħna u bit-talb tagħna fil-Postijiet Qaddisa, aħna nkunu qed nibnu l-Knisja ta' Kristu fl-Art Imqaddsa. Fuq kollox nifhmu li, jekk aħna nkunu qed ngħinu materjalment lill-familji Kristjani fl-Art Imqaddsa biex jibgħatu lil uliedhom l-iskola, biex imorru għax-xogħol fil-*Case Nove* tal-pellegrini, inkunu qegħdin ukoll nirċievu ħafna minn għandhom. Nirċievu xhieda ta' reżiljenza u ta' fidi minkejja d-diffikultajiet, xhieda ta' persuni li jridu l-paċi, li ma għandhomx mibegħda lejn min jaħkimhom inġustament, xhieda ta' nies li għandhom it-tama fil-futur sabiħ li hemm lest għalihom jekk aħna nkunu sensibbli li ngħinuhom jiksbuh.



L-Ghadira tal-Galilija mill-Gholja tal-Beatitudni.
© Petrus Schüler OFM Kumm. Art Imqaddsa Munich.

# HAR HAOSHER L-GĦAR TAL-BEATITUDNI

*Noel Muscat ofm*

Meta l-pellegrini jżuru ż-żewġ Santwarji li hemm f'Et-Tabgha, fuq ix-xatt tal-Għadira tal-Galilija, jiġifieri s-Santwarju tal-Miraklu tat-Tkattir tal-Ħobż, taħt il-kura tal-Monaċi Benedittini tal-Kongregazzjoni ta' Beuron, u s-Santwarju tal-Primat ta' San Pietru, imħares mill-Franġiskani tal-Kustodja tal-Art Imqaddsa, ftit jintebħu li, proprju faċċata ta' dawn is-Santwarji, fuq ix-xaqliba l-oħra tat-triq, kemmxejn fil-għoli, hemm il-fdalijiet ta' Santwarju ieħor li jissemma diġà fl-epoka Biżantina, jiġifieri l-Għar li kien jagħlaq kappella u monasteru li jfakkru d-diskors tal-muntanja ta' Ġesù u partikolarment il-Beatitudni (Mt 5,1-12 u Lq 6,20-26). Illum il-ġurnata l-pellegrini jfakkru l-Beatitudni aktar 'il fuq fis-Santwarju li hemm fuq il-għolja li minnha jkollhom dehra panoramika tal-Għadira tal-Galilija, jiġifieri s-Santwarju tal-Beatitudni, taħt il-kura tas-Sorijiet Franġiskani Missjunarji tal-Qalb Immakulata ta' Marija u proprjetà tal-ANSMI (Associazione Nazionale per Soccorrere i Missionari Italiani). Dan is-Santwarju, li hu knisja ottagonali b'koppla, imdawwar bil-ġonna u s-siġar, nbena fl-1936 mill-arkitett Taljan Antonio Barluzzi, fuq din l-għolja biex ifakkar il-post li fih Ġesù għamel id-diskors tal-muntanja (Mt 5-7). Meta nbena dan is-Santwarju ħadd ma kien għadu jaf li l-veru post li jfakkar il-Beatitudni jinsab aktar 'l isfel, qrib ix-xatt tal-Għadira. Fil-fatt, f'dan is-Santwarju li, kif għidna, għandu inqas minn mitt sena, ma hemmx fdalijiet arkeoloġiċi, filwaqt li dawn jinsabu fil-post li jismu Har Haosher, faċċata ta' Et-Tabgha.

## Il-fdalijiet arkeoloġiċi ta' Har Haosher

Kien Patri Bellarmino Bagatti OFM, arkeologu Franġiskan tal-i*Studium Biblicum Franciscanum* ta' Ġerusalemm, li kien sab dawn il-fdalijiet arkeoloġiċi fl-1935. Bagatti kien ippubblika artiklu qasir dwar din is-sejba fir-Rivista *Terra Santa* fl-1936. Hu jgħid li dawn il-fdalijiet arkeoloġiċi huma dawk ta' monasteru ċkejken u kappella fil-blat li jmorru lura għas-seklu 4, jiġifieri fl-era Biżantina. L-iskavi kienu ġew ordnati mill-Kustodju tal-Art Imqaddsa ta' dak iż-żmien, li kien Patri Nazzareno Iacopozzi OFM.

Illum wieħed jista' jasal għal dawn il-fdalijiet billi jaqsam it-triq quddiem is-Santwarju tal-Primat f'Et-Tabgha u jibda tiela' minn passaġġ imħarbat li jinsab fil-limiti tal-fdalijiet arkeoloġiċi li huma proprjetà tal-Kustodja tal-Art Imqaddsa. Qabel dawn il-fdalijiet kienu magħqudin ħaġa waħda mal-proprjetà tas-Santwarju tal-Primat ta' San Pietru, imma wara l-1948 il-Gvern Israeljan bena l-Highway 87 minn Kfar Nahum Junction lejn Betsajda u mbagħad wara l-1967 lejn l-Għoljiet tal-Golan, u f'dik l-okkażjoni sfortunatament it-triq qasmet il-proprjetà u anke ġew meqrudin fdalijiet arkeoloġiċi Biżantini marbutin mal-post li qed insemmu. Kien kollu ta' xejn li l-arkeologu Franġiskan ta' Kafarnahum, Patri Virgilio Corbo OFM, ipprotesta kontra l-bini tat-triq. Intant, illum ix-xaqliba għolja fuq in-naħa l-oħra tat-triq għandha ħajt, imma wieħed jista' jidħol fiha minn dan il-passaġġ li semmejna. Mit-triq jidhru fil-fatt xi fdalijiet ta' bini, imma ftit huma dawk il-pellegrini li jindunaw bihom.

Meta titla' minn dan il-passaġġ iebes li semmejna ssib quddiemek għar naturali li minnu toħroġ siġra żgħira li tidher imħawla fih. Dan hu l-għar tal-Beatitudni, li għandu tul ta' 4.2 metri u wisgħa ta' 2.2 metri, u hu għoli 3.5 metri. Hu qisu kripta li fuqha kien hemm kappella li kellha dimensjonijiet ta' 4.4 metri b'7.2 metri. Quddiem l-għar hemm qisha fetħa wiesgħa madwar 4 metri, u li qisha terrazzin naturali li minnu tara dehra sabiħa tal-Għadira tal-Galilija taħtek. L-għar għandu forma ta' abside ċkejkna.

Bagatti sab ukoll xi fdalijiet ta' mużajċi tal-era Biżantina, li huma magħmulin minn fjuri u motivi ġeometriċi fuq in-nofs tond. Jidher li dawn il-mużajċi saru f'żewġ mumenti differenti. L-aktar antiki jmorru lura għall-epoka Rumana fir-4 seklu, filwaqt li l-kumplament huma tal-era Biżantina fis-seklu 7. Nafu li, kif ġara f'ħafna mill-knejjes u monasteri Biżantini fl-Art Imqaddsa, bħalma hu l-każ tal-knisja ottagonali ta' Kafarnahum, dawn ġew meqrudin mill-invażjoni tal-Persjani tas-sena 614. Minn dik is-sena dawn il-fdalijiet qatt ma reġgħu ġew mibnija u baqgħu hekk sakemm instabu minn Bellarmino Bagatti.

L-arkeologu Franġiskan sab ukoll il-fdalijiet ta' monasteru ċkejken fuq ix-xaqliba tan-nofsinhar u tal-punent tal-għar-kripta u tal-kappella li kien hemm fuqu. Dan il-monasteru kellu dimensjonijiet ta' 11-metru bi 12-il metru u nbena fuq livelli differenti, minħabba d-diżlivell qawwi tal-għolja. L-istruttura tidher li kienet sostnuta minn pilastri.

Dan hu dak li fadal mill-binja oriġinali, li fil-fatt, hi meqruda ħafna u trid attenzjoni ta' arkeologu biex tiskopri kif kienet. Billi s-sejba tal-fdalijiet saret fl-istess żmien li fih l-ANSMI ħasbet biex tibni s-Santwarju tal-Beatitudni li hemm illum fuq l-istess għolja imma aktar fil-għoli, biex il-pellegrini jkollhom dehra panoramika tal-Għadira tal-Galilija, il-Franġiskani tal-Kustodja tal-Art Imqaddsa ħallew dawn il-fdalijiet fl-istat oriġinali tagħhom, għax il-pellegrini kienu jmorru bil-kumdità fis-Santwarju ta' fuq l-għolja u, kif għidna, dan il-post arkeoloġiku sar diffiċli li tasal għalih wara li nbniet it-triq u nqata' għal kollox miż-żona tas-Santwarju tal-Primat li hemm aktar 'l isfel qrib ix-xatt tal-Għadira.

## Ix-xhieda storika tas-Santwarju tal-Beatitudni

Bħalma għandha fil-każ tas-Santwarji tal-Primat f'Et-Tabgħa u Kafarnahum, l-ewwel xhieda importanti dwar l-eżistenza tal-Għar tal-Beatitudni tagħtihielna l-pellegrina Egeria li żaret l-Art Imqaddsa fis-sena 384. Fid-*Djarju* tagħha din il-mara nobbli mill-Galizja, li ħallitilna tifkiriet stupendi tal-vjaġġ memorabbli li għamlet fl-Orjent, dokument li ġie misjub f'Arezzo fl-1884 u kien ippubblikat fl-1887, u li hu manuskritt tas-seklu 11 li kien oriġinarjament fil-Bibljoteka tal-Abbazija Benedittina ta' Montecassino, wara li titkellem dwar it-tifkiriet tal-appostli f'Et-Tabgħa fejn issemmi t-tnax-il tron, u dwar il-blata li fuqha l-Mulej qassam il-ħobż lill-appostli, tasal biex titkellem dwar il-post arkeoloġiku tal-Beatitudni u tgħid:

"Qrib hemm fuq il-muntanja għar li fih is-Salvatur tela' biex jippriedka l-Beatitudni." Egeria tuża l-kelma *Eremus*, li tfisser post imwarrab jew eremitaġġ, biex tiddeskrivi dan l-għar li fi tmiem is-seklu 4 kien meqjus bħala l-Għar tal-Beatitudni. Kienet din id-deskrizzjoni qasira, imma ċara, tal-pellegrina Egeria, li ġagħlet lil Bellarmino Bagatti jikkonkludi li kien proprju dan l-għar il-post li jimmarka s-Santwarju antik tal-Beatitudni, li kien intesa matul bosta sekli wara l-qerda tas-sena 614.

L-isem Lhudi *Har HaOsher* ifisser litteralment "għolja tar-rikkezzi". Għalina l-insara din l-għolja, li fil-fatt hi għolja għammiela li fiha hemm ħafna kultivazzjonijiet minħabba l-ħamrija vulkanika li hi rikka bin-nutrijenti u ideali għall-agrikoltura, hi tassew l-għolja tar-rikezzi, mhux għax hi għammiela imma għax tatna l-frott tal-kliem mimli ħlewwa ta' Ġesù meta xandar il-Beatitudni lid-dixxipli tiegħu miġburin madwaru fuq din l-għolja ftit metri aktar 'il fuq mill-Għadira tal-Galilija.

Deskrizzjoni dettaljata tal-fdalijiet tal-Għar tal-Beatitudni turi kif il-knisja li kienet mibnija fuq l-għar jew kripta kienet knisja

b'navata waħda, li kellha *narthex*, jew spazju magħluq fid-daħla tagħha, u abside fuq l-Għar qaddis. Il-knisja kienet twila 7.2 metri u wiesgħa 4.5 metri. Kellha sagristija ċkejkna li kienet kompletament imħaffra fil-blat. Il-knisja kienet mibnija mill-ġebel sewdieni basaltiku li hu tipiku ta' din iż-żona tal-Galilija, billi l-Għadira tal-Galilija hi, fil-fatt, krejter vulkaniku mejjet. Il-binja kollha, inkluż il-monasteru li hemm maġenb il-knisja, nbniet b'diffikultà kbira minħabba l-angolu tal-għolja u d-diżlivell qawwi li hemm. Kif għidna, kienet tinżamm wieqfa permezz ta' pilastri. Minn ġewwa l-knisja turi li kienet imkaħħla u fit-tikħil għadhom jidhru graffiti ta' iskrizzjonijiet u slaleb li l-pellegrini Biżantini kienu jnaqqxu. Il-paviment tan-navata jidher li kien tal-mużajċi, filwaqt li dak tal-abside kien tal-blata. Id-diżlivell iwassal biex wieħed irid jitla' min-*narthex* għan-navata tal-knisja u minn din għall-abside. Il-mużajċi jidhru li huma ta' żewġ epoki differenti. L-aktar parti antika turi motivi sempliċi ta' fjuri u disinni ġeometriċi, filwaqt li partijiet oħrajn jidhru li saru f'epoka Biżantina aktar reċenti u huma aktar żviluppati, b'tesseri ta' kuluri abjad, ikħal, aħmar u roża. Il-bażi tal-altar fl-abside turi li dan kien tar-rħam abjad. Instabu xi fdalijiet ta' lampi tal-ħġieġ li x'aktarx kienu


*Id-dehra tal-Grotta minn barra*

jintużaw biex idawlu l-knisja u kienu jixegħlu biż-żejt. Mill-monasteru ma fadal xejn għajr biss il-bażi ta' xi ħitan.

Patri Bagatti jikkonkludi li: (1) il-knisja u l-monasteru nbnew fl-era Rumana tardiva; (2) il-knisja u forsi anke l-monasteru kienu restawrati, jew minħabba ħsarat ta' xi terremot inkella minħabba l-invażjonijiet tal-Persjani (614) u tal-Għarab (638); (3) il-monasteru baqa' jintuża anke fl-epoka Umayyad, minħabba l-fatt li nstabu bosta biċċiet ta' ċeramika ta' dik l-epoka; (4) fl-epoka Kruċjata din iż-żona ma kinetx aktar abitata, u għaldaqstant ma hemmx fdalijiet Kruċjati hawnhekk.

Il-pellegrina Egeria donnha trid turi kemm dawn it-tifkiriet evanġeliċi huma qrib xulxin, meta ssemmi t-tronijiet tal-appostli, li għadhom jidhru fil-bażijiet ta' sitt kolonni Biżantini qrib ix-xatt tal-Għadira tal-Galilija taħt is-Santwarju tal-Primat ta' San Pietru, u meta ssemmi l-*mensa Christi*, jew il-blata li fuqha Kristu qassam il-ħobż u l-ħut lill-appostli meta dehrilhom wara li qam mill-imwiet (Ġwann 21,9-14) u fejn hemm ukoll it-taraġ maqtugħ fil-blat li jinżel minn din il-blata, li llum tinsab fil-knisja, lejn l-Għadira. Egeria tgħid ukoll li, fit-triq tal-qrib kien hemm il-post fejn Ġesù sejjaħ għal warajh lil Mattew il-pubblikan, u mbagħad tkompli tgħid li, ftit 'il fuq, fuq il-għolja, hemm il-knisja u l-Għar li fih Ġesù tkellem mad-dixxipli tiegħu meta tahom il-Beatitudni. Fil-fatt, dawn it-tifkiriet kollha, inkluża l-għalqa tal-ħaxix tal-*Heptapegon*, jew seba' nixxigħat (minn fejn ġej l-isem Għarbi Et-Tabgha), li timmarka wkoll il-post tal-miraklu tat-tkattir tal-ħobż u l-ħut, huma kollha qrib xulxin, hekk li l-pellegrini jistgħu jimxu bil-kumdità minn wieħed għall-ieħor.

Il-fatt li Egeria ssejjaħ l-Għar tal-Beatitudni bl-isem ta' *Eremus*, juri wkoll dak li naqraw fl-Evanġelju ta' San Mark, fejn tiġi deskritta ġurnata tipika tal-ministeru ta' Ġesù fix-xatt tal-Għadira tal-Galilija, iċċentrat fuq Kafarnahum, il-belt li fiha kien jgħix Ġesù u li tinsab biss 2 kilometri bogħod minn Et-Tabgha. San Mark jgħid: "L-għada filgħodu kmieni, qabel ma żernaq, qam, u ħareġ f'post imwarrab u qagħad hemm jitlob" (Mk 1,35). Dan il-post imwarrab x'aktarx jirreferi għal dan l-Għar partikulari li jidher li kien post familjari għal Ġesù, appuntu l-*Eremus* li dwaru titkellem Egeria. Kien biss xi 25 minuta bogħod bil-mixi minn Kafarnahum, u Ġesù seta' jmur hemm bil-kumdità biex ikun maqtugħ mill-folol li kienu jiġru warajh, u fil-ħemda ta' dik id-daħla naturali fil-blat jidħol f'relazzjoni intima ta' talb mal-Missier waqt li jikkontempla l-ħemda u s-sbuħija tal-Għadira tal-Galilija, ftit metri taħtu.

Illum ukoll, il-pellegrin li jkollu ħin biżżejjed biex jieqaf fl-inħawi tal-Għadira tal-Galilija u jikkontempla lil Ġesù fil-ministeru tiegħu f'dawn l-inħawi, jista' wkoll jinqata' waħdu fis-skiet wara li jkun terraq it-triq iebsa mimlija ġebel li mit-triq ewlenija ttellgħu lejn dan is-Santwarju moħbi u mġarraf. Hawnhekk il-pellegrin jista' jifhem is-sens profond tal-Beatitudni u d-diskors tal-muntanja, bogħod mill-istorbju tal-pellegrini u turisti li joħonqu l-post popolari tas-Santwarju tal-Beatitudni li hemm fuq l-għolja. Il-ħarsa kontemplattiva fuq l-Għadira, l-aktar fil-ħinijiet siekta ta' filgħodu kmieni u filgħaxija, tgħinek biex minn dan il-palk naturali ġġib taħtek is-Santwarji li jfakkru l-ġrajjiet evanġeliċi l-oħrajn tat-tkattir tal-ħobż u tad-dehra ta' Kristu rxuxtat lill-appostli bl-ikla fuq stil ewkaristiku tal-ħobż u l-ħut wara l-qabda mirakoluża u bl-istqarrija ta' mħabba ta' Pietru li hawnhekk Kristu jagħtih il-Primat biex jirgħa l-merħla tiegħu sa ma kellu joffri ħajtu għall-Imgħallem fil-martirju.

Tajjeb li f'dan l-Għar qaddis, li fih hemm bank rudimentali li fuqu wieħed jista' jistrieħ, quddiem

id-dehra tal-Għadira u quddiem is-siġra mħawwla fid-daħla tiegħu, nagħmlu riflessjoni dwar il-Beatitudni u d-diskors tal-Mulej fuq il-muntanja, bl-atteġġjament tad-dixxipli u tal-folol tal-fqajrin li kienu jimxu wara Ġesù tul ix-xatt tal-Għadira tal-Galilija. Hawnhekk nistgħu nifhmu r-radikalità tal-messaġġ evanġeliku tal-Mulej Ġesù, kif jgħidilna San Mark: "Wara li arrestaw lil Ġwanni, Ġesù mar il-Galilija jxandar l-Evanġelju ta' Alla" (Mk 1,14), jew id-dekrizzjoni stupenda li jagħtina San Mattew meta jgħid: "Meta Ġesù sama' li kienu arrestaw lil Ġwanni, warrab lejn il-Galilija. Telaq minn Nazaret u mar joqgħod Kafarnahum, qrib il-baħar, fl-inħawi ta' Żebulun u Naftali, biex hekk iseħħ dak li ngħad permezz tal-profeta Isaija, meta qal: 'Art ta' Żebulun, u art ta' Naftali, it-triq tal-baħar, art 'il hemm mill-Ġordan, Galilija tal-ġnus! Il-poplu li kien qiegħed fid-dlam ra dawl kbir; dawk li kienu f'art u dell il-mewt idda dawl għalihom'" (Mt 4,12-16).

## L-amfiteatru naturali tal-Beatitudni

Meta wieħed jilmaħ taħtu l-Għadira tal-Galilija mill-għoli tal-Għolja tal-Beatitudni, fejn il-maġġoranza tal-pellegrini jmorru biex ifakkru


*Har Haosher. Il-Grotta tal-Beatitudni*

d-diskors tal-muntanja, u fejn hemm anke l-opportunità li wieħed jieqaf għal xi ġranet biex jagħmel irtir fiċ-ċentru modern li nbena għal dan l-iskop, hu faċli li wieħed jikkontempla taħtu l-ambjent naturali li fih Ġesù lissen il-Beatitudni. L-Għadira tal-Galilija tinfirex taħtek qisha arpa, appuntu kif ifisser l-isem tagħha bil-Lhudi, *Yam Kinneret*, mill-kelma *kinnor*, jew arpa. Taħtek iġġib ix-xatt tat-tramuntana tal-Għadira, minn Et-Tabgha, lejn Kafarnahum u lejn Betsajda. Mill-post fejn ix-xmara Ġordan, li tinżel mill-muntanja Ħermon u mill-wita ta' Hule, tidħol fl-Għadira, tilmaħ ix-xaqliba tal-lvant, karatterizzata mill-għoljiet tal-Golan, fejn hemm tifkiriet Bibliċi u storiċi importanti, bħalma huma Ma'ale Gamla, Kursi (bil-fdalijiet tal-knisja Biżantina li tfakkar il-miraklu tal-imxajtan ta' Ġerasa), il-Kibbutz ta' Ein Gev u l-għolja ta' Sussita, jew Hippos. Il-ħarsa mbagħad tasal fil-parti dejqa tal-Għadira fuq ix-xaqliba tan-nofsinhar, fejn din tagħlaq qisha l-qiegħ ta' arpa u minn fejn ix-xmara Ġordan terġa' toħroġ f'Yardenit biex minn hemm tibda nieżla sserrep fil-wied tagħha lejn id-deżert ta' Ġuda u lejn il-Baħar il-Mejjet. Fuq ix-xatt tal-punent tidher il-belt moderna ta' Tiberias, li hi l-belt ewlenija f'din iż-żona, imma li fiha wkoll tifkiriet Bibliċi u storiċi importanti, biex imbagħad terġa' tressaq ħarstek aktar fil-qrib biex tilmaħ l-irdumijiet ta' Arbel u Wadi Hamam, u fl-aħħarnett il-fdalijiet arkeoloġiċi ta' Magdala u l-wita ta' Ghinnosar u fl-aħħarnett Tell el-Oreime u Tell Kinneret, proprju fid-dawra tal-majjistral tal-Għadira, minn fejn tnissel l-isem Lhudi *Yam*


L-abside tal-Kripta tal-Beatitudni

*Kinneret*. Din id-dehra hi dik ta' amfiteatru naturali li fih seħħew bosta mill-ġrajjiet evanġeliċi tal-ministeru pubbliku ta' Ġesù, amfiteatru twil madwar 21 km u wiesgħa 12-il km. Dan l-amfiteatru hu magħruf b'diversi ismijiet. Fl-Evanġelji jissejjaħ il-Baħar (kelma li l-Lhud kienu jużawha wkoll għal għadira) tal-Galilija, jew ta' Tiberija, jew ta' Ġennesaret (Għinnosar). L-isem modern bil-Lhudi, kif għidna hu dak ta' *Yam Kinneret*, filwaqt li bl-Għarbi l-isem hu *Bahr Tabariyah*. Fil-Ktieb ta' Ġożwè 11,1 insibu riferiment għall-belt ta' Kinnorot, li tidher li tat l-isem lil din l-Għadira ta' Kinneret.

Ġeoloġikament l-Għadira tal-Galilija hi krejter kbir vulkaniku li llum hu kważi mejjet, għalkemm hemm attività vulkanika fil-qiegħ, hekk li nsibu anke għejun sulfuriċi f'Et-Tabgha, li jixhdu li l-attività vulkanika għadha għaddejja, u l-fatt li l-Għadira hi rikka fil-fawna u l-flora jindika li dan ir-*reservoir* naturali ta' ilma ħelu jirċievi bosta minerali nutrienti mill-attività vulkanika li hemm fih. Anke d-dehra tal-għoljiet u l-irdumijiet mad-dawra kollha tal-Għadira, b'eċċezzjoni tal-punta tan-nofsinhar fejn toħroġ ix-xmara Ġordan, turik mall-ewwel li dan hu krejter vulkaniku. Il-blat sewdieni hu l-*basalt*, blata vulkanika

li hi frott ta' eruzzjonijiet ta' lava miljuni ta' snin ilu, u li tidher fil-bini kollu taż-żona li jagħmel użu minn din il-ġebla sewdinija.

Kif għidna, id-dehra ta' dan l-amfiteatru hi stupenda mill-għoli tas-Santwarju tal-Beatitudni, imma anke jekk wieħed joqgħod bilqiegħda fl-Għar tal-Beatitudni quddiem Et-Tabgha, li rajna li hu l-post oriġinali li fih il-Mulej ippriedka d-diskors tal-muntanja, wieħed jista' jimmedita din l-Għadira u ħafna fatti evanġeliċi li ġraw fuq ix-xatt tagħha, jew ukoll fl-ilmijiet tagħha. Fil-fatt, nistgħu ngħidu li l-Għadira tal-Galilija hi Santwarju uniku fih innifsu, li jfakkarna f'ħafna ġrajjiet tal-ministeru pubbliku ta' Ġesù, fosthom il-qabda mirakoluża tal-ħut (Lq 5,4-11), il-maltempata li Ġesù jikkalma (Mk 4,35-41; Mk 6,45-51; Mt 8,23-27), it-tagħlim tal-parabboli tas-Saltna minn ġod-dgħajsa ta' Xmun Pietru (Mt 13,1-53), il-miraklu ta' Pietru li jimxi fuq l-ilma (Mt 14,24-33), id-dehra ta' Kristu irxuxtat lid-dixxipli bl-ikla tal-ħobż u l-ħut u l-għoti tal-primat lil Pietru (Ġw 21,1-19). Dawn ir-riflessjonijiet kollha jakkumpanjaw lill-pellegrini li jżuru din l-Għadira. Mal-ġenb tal-Għadira, fejn jikber xewk u għollieq, imma wkoll fejn hemm rqajja' agrikoli minħabba l-ħamrija għammiela vulkanika, karatterizzat minn ġebel sewdieni u minn diżlivelli qawwija u rdumijiet li fihom hekk ukoll għerien, hu faċli li ġġib quddiem għajnejk id-dehra tal-Mulej li jitla' kemmxejn fil-għoli mill-Għadira, u li madwaru kien hemm folol ta' dixxipli li qagħdu aktar fil-baxx biex jisimgħu t-tagħlim tiegħu. Minn dan il-palk naturali mkennen mill-Għar-kripta tal-Beatitudni, nisimgħu jidwu l-kelmiet ta' Ġesù li jimmarkaw dik li tissejjaħ il-*magna charta* tal-Evanġelju, jiġifieri d-diskors tal-muntanja, li Mattew jippreżentalna fil-kapitli 5-7 tal-Evanġelju tiegħu.

## Mosè ġdid li jagħti Liġi ġdida

San Mattew jurina kif Ġesù jitla' fil-għoli tal-muntanja (imma fil-fatt ftit metri biss 'il fuq mix-xatt tal-Għadira) biex jidher bħala Mosè ġdid li jagħti Liġi ġdida: "Kif ra l-folol, Ġesù tela' fuq il-muntanja, qagħad bilqiegħda, u resqu lejh id-dixxipli tiegħu. Fetaħ fommu u qabad jgħallimhom u jgħid" (Mt 5,1-2). Kif Mosè kien tela' fuq il-Muntanja Sinaj biex hemm Alla jagħtih it-twavel tal-ġebel li fuqhom kien naqqax l-għaxar kelmiet, jew il-kmandamenti, li huma l-bażi tal-Liġi jew *Torah*, hekk issa Ġesù jsib post għoli biex fih inaqqax il-Liġi l-ġdida evanġelika fil-qlub tad-dixxipli tiegħu.

Nimmaġinaw lil Ġesù bilqiegħda proprju f'dan l-Għar qaddis li minnu jilmaħ quddiemu d-dehra tal-Għadira u taħtu l-folol tan-nies fqajrin li mxew warajh, flimkien mad-dixxipli l-aktar intimi li kienu madwaru f'dik il-fetħa naturali. Id-diskors tal-muntanja, li hu ġabra ta' diskorsi ta' Ġesù, jitqies minn Santu Wistin bħala "ġabra fil-qosor tal-Evanġelju".

Hu Mattew li jqiegħed il-Beatitudni fl-ambjent tad-diskors tal-muntanja. Luqa 6,20-26 ukoll jagħtina l-verżjoni tiegħu, imma jambjenta d-diskors ta' Ġesù fil-wita, jew pjanura, biex juri kif il-Mulej niżel fid-dinja biex ikun qrib il-bniedem:

"Imbagħad niżel magħhom u waqaf f'wita, flimkien ma' kotra kbira ta' dixxipli u folla kbira ta' nies minn kull naħa tal-Lhudija u Ġerusalemm u mix-xtajta ta' Tir u Sidon. Dawn kienu marru biex jisimgħuh u jfejjaqhom mill-mard tagħhom. Min kien imħabbat mill-ispirtu mniġġsa kien ifiq; u l-kotra kienet tfittex li tmissu, għax minnu kienet toħroġ qawwa li tfejjaq lil kulħadd. Ġesù rafa' għajnejh lejn id-dixxipli tiegħu u qal: 'Henjin intom il-foqra, għax tagħkom hija s-Saltna ta' Alla'" (Lq 6,17-20).

Nafu li l-iskop ta' Luqa hu kemmxejn differenti minn dak ta' Mattew. Hu jrid

jippreżenta lil Ġesù li jinżel u jitbaxxa biex jiltaqa' mal-bniedem fil-miżerja tiegħu u jħenn għalih u jfejqu. Għal din ir-raġuni jambjenta l-Beatitudni fil-wita u mhux fuq l-għolja. Luqa wkoll nafu li juri l-Beatitudni f'dawl differenti minn Mattew, l-aktar meta jitkellem dwar il-foqra, li hu jindikahom sempliċement bħala foqra u mhux foqra fl-ispirtu kif naraw f'Mt 5,3. Hawnhekk m'aħniex se nidħlu fil-kwestjoni ta' kummentarju bibliku eżeġetiku ta' dawn is-siltiet. Jinteressana pjuttost li naraw kif l-evanġelista Mattew jambjenta dan id-diskors ta' Ġesù f'kuntest reali, li fil-fatt isib ukoll spjegazzjoni fil-verżjoni Lukana tad-diskors tal-Beatitudni.

Ġesù jsejjaħ "henjin", *makárioi* bil-Grieg, kelma li tfisser henjin, imberkin, lil dawk il-folol tan-nies li ġew biex jisimgħuh. Min kienu dawn in-nies? Kienu ċertament Lhud għax il-kuntest kollu tad-diskors tal-muntanja jinbena fuq kunċetti Lhudin meħudin mit-*Torah* u applikati minn Ġesù għal sitwazzjoni radikalment ġdida ta' kif id-dixxipli josservaw il-Liġi bl-ispirtu ħieles tal-kelma setgħana tiegħu li tibni komunità ta' mħabba. In-nies li kien hemm madwar Ġesù u d-dixxipli tiegħu kienu nies fqajrin, nies li kienu għaddejin mit-tbatija ta' ħajja iebsa li fihom kienu jgħixu l-esperjenza umana tal-miżerja tal-mard, tal-faqar materjali, tal-inġustizzji li kellhom ibatu minn dawk li kellhom is-setgħa jaħkmu fuqhom, tan-nuqqas ta' ħniena li kienu jaraw u li kienet tnissel xewqa sinċiera għall-ġustizzja u l-paċi. Dan hu l-mod li bih aħna nistgħu nifhmu l-ambjent uman li fih Ġesù lissen il-Beatitudni. Fl-ispirtu ta' Mosè li tela' fuq il-muntanja Sinaj biex iniżżel il-Liġi li tat identità u dinjità lill-Israeliti fi triqthom mill-jasar tal-Eġittu lejn l-Art Imwiegħda, hekk Ġesù jidher bħala dak li mill-għoli tal-muntanja fejn jgħammar il-Missier issa niżżel Liġi ġdida, il-Liġi tal-Ispirtu li jagħti l-veru ħelsien lill-bniedem imjassar mill-istrutturi djaboliċi tal-ħażen li jsaltan fid-dinja bilgħatx għall-paċi u s-salvazzjoni.

It-tradizzjoni biblika ssemmi l-għar li fih Mosè jidħol biex jitlob ħalli jara lil Alla, li jgħaddi quddiemu u jurih ħjiel mill-glorja tiegħu (Eżodu 33,18-23). Dan ukoll hu l-istess għar li fih il-profeta Elija jirtira fuq il-Ħoreb jew Sinaj fl-1 Ktieb tas-Slaten 19,8-18. Hu fl-għar, fl-*Eremus*, li l-profeta jiltaqa' ma' Alla li jkellmu. Hu wkoll fl-Għar qaddis tal-Beatitudni li Ġesù jirtira filgħodu kmieni qabel ma jżernaq biex f'dik il-ħemda u mkennen mill-blat hu jiskopri r-rieda tal-Missier li jaħtru biex ixandar l-Evanġelju fl-irħula kollha tal-Galilija.

Għalkemm l-Għar tal-Beatitudni jibqa' post misterjuż għal ħafna pellegrini li jżuru l-Art Imqaddsa u li forsi mis-Santwarji tax-xatt tal-Għadira lanqas biss jintebħu li ftit passi fuqhom hemm dan il-post li fih il-Mulej ippriedka l-Beatitudni, xorta waħda jibqa' l-post awtentiku li, grazzi għall-ħidma arkeoloġika tal-Franġiskani tal-i*Studium Biblicum Franciscanum* ta' Ġerusalemm, fis-sempliċità rustika tiegħu jibqa' bħala sinjal tal-messaġġ l-aktar safi tal-Evanġelju li kien jidwi minn fomm Ġesù fuq l-ilmijiet tal-Għadira tal-Galilija, fil-bliet tax-xtut tagħha, u fix-xquq tal-blat tar-rdmijiet ta' madwarha. Fost dawn ix-xquq l-Għar tal-Beatitudni jibqa' wieħed mill-aktar postijiet qaddisa li fih inħossu l-preżenza ta' Ġesù fil-mixja tagħna ta' dixxipulat li tmexxina fuq l-istess passi tal-Imgħallem fl-amfiteatru naturali tal-missjoni tiegħu bħala Mulej u Messija.



*Il-bassoriliev fuq kolonna f'Pasargadae li jirrappreżenta lis-sultan Ċiru tal-Persja*

# IT-TIENI ISAIJA U L-QADDEJ MIDLUK ĊIRU

***Mons Lawrenz Sciberras***

Il-ktieb ta' Isaija mill-kapitlu 40 sal-kapitlu 55, inkluż dan il-materjal kollu, jissejjaħ it-tieni Isaija. U bir-raġun għaliex it-tagħlim li hemm f'dawn il-kapitli, il-kuntest kollu tagħhom, qabel u wara, l-ismijiet ta' numru ta' slaten kemm mill-Lhudija kif ukoll ta' oħrajn ġejjin minn pajjiżi addirittura barranin, l-ambjent fejn wasal u ssawwar dan it-tagħlim, aktarx li kollox jindika li dawn il-kapitli jiddistingwu ruħhom sew minn dawk ta' qabilhom kif ukoll minn dawk ta' warajhom. Jidher sew li anke t-tagħlim issa joħroġ wieħed tassew għoli. Il-kuntest ta' dawn il-kapitli jiżolawhom sew minn ta' qabilhom u minn dawk ta' warajhom ukoll.

Mela jidher sew li hemm id ta' kittieb differenti. U dan kollu minkejja li ż-żewġ kittieba, dak primarju u dak sekondarju, kienu taħt l-ispirazzjoni tal-Ispirtu s-Santu. Hawn ukoll l-aħħar verżjoni hija dejjem tar-redattur.

F'dan l-artiklu se nipprova dejjem fil-qosor nuri kemm Alla bil-qawwa tiegħu jeħles mill-jasar tal-Babilonja lill-poplu magħkus u batut fl-eżilju. U dan kollu qiegħed fit-tieni Isaija, il-profeta tal-konsolazzjoni.

## Kliem ta' faraġ

Dit-taqsima tiftaħ bi kliem ta' konsolazzjoni tassew, konsolazzjoni u kuraġġ għaliex issa Ġerusalemm "ntemm il-jasar tagħha, tħallset ħżunitha, ħadet mingħand il-Mulej darbtejn għal dnubietha kollha" (Is 40,2). Għalhekk il-profeta jiftaħ *ex abrupto* bil-kliem qawwi ħafna: "Farrġu, farrġu l-poplu tiegħi" (Is 40,1). F'din is-sentenza wieħed għandu jinnota żewġ riflessjonijiet. Il-verb tfarraġ miktub darbtejn wara xulxin, mela attenzjoni kbira. It-tieni osservazzjoni "il-poplu tiegħi".

Għalhekk issa dan il-poplu li għal ħamsin sena sħaħ għaddihom fl-eżilju tal-Babilonja jista' jibda' mill-ġdid it-triq tar-ritorn, triq li twasslu Ġerusalemm il-belt il-qaddisa. U dejjem biex jagħmel qalb lil sħabu tturrufnati, l-profeta juża ħafna kliem figurattiv dejjem b'għan wieħed; il-wasla tant mixtieqa mill-ġdid f'arthom!

Mela l-profeta jitkellem minn ħafna kliem figurattiv, u dan għaliex jakkumpanja lil dan il-poplu hemm Alla nnifsu: "Quddiemek nimxi jien, u l-mogħdijiet imħattba tiegħek inwittilek, nċarrat il-bibien tal-bronż, u l-istaneg tal-ħadid inqatta'" (Is 45, 2). Għalhekk ladarba hemm din l-assigurazzjoni sħiħa ġejja direttament mingħand Alla, il-poplu jimtela bil-kuraġġ biex imidd saqajh u jibda din il-mixja qaddisa tiegħu daqskemm tqila, diffiċli u perikoluża!

Fost il-kliem figurattiv li juża l-profeta hemm, it-toroq biex jidrittaw, il-mogħdijiet, il-widien dawn biex jintradmu, hemm il-muntanji u l-għoljiet u dawn biex jitwittew, hemm il-ħotob u skolli f'wiċċ it-toroq. U dan għaliex il-poplu se jibda triq lejn il-ħelsien sħiħ tiegħu.

## Alla wieħed

Biex dejjem joħroġ aktar għad-dawl id-differenza bejn Alla tiegħu, u l-allat tal-Babilonja li ma jiswew totalment għal xejn, Isaija jitkellem ukoll xi drabi b'ton sarkastiku dwar l-idoli. Dan għaliex il-profeta kien żgur li dawn l-allat huma kollha finti,

dehra minn barra biss, u ma għandhom ebda qawwa ta' interċessjoni lejn ħadd u anqas ma' min jitlobhom! "Jerfgħuh fuq l-ispallejn u jġorruh, u jqegħduh f'post u jibqa' hemm, u minn postu ma jiċċaqlaqx. Jekk xi ħadd isejjaħlu ma jweġibx, u minn hemm ma jeħilsux" (Is 46, 7). Dan kollu tennih is-salm 115,6-7: "Għandhom il-fomm, u ma jitkellmux; għandhom l-għajnejn u ma jarawx; għandhom il-widnejn u ma jisimgħux, għandhonm l-imnieħer u ma jxommux; għandhom l-idejn u ma jmissux; għandhom ir-riġlejn u ma jimxux."

Imma mhux hekk huwa Alla tal-Għebrej, Alla ħallieq, konservatur u providenza. Jiddefendi l-poplu tiegħu minn kull min jaħqru u jkasbru. "Taqqalt il-madmad fuq ix-xjuħ kemm flaħt" (Is 47,6b). U l-għan ta' dan kollu kien biex iħaffef il-proċess tal-mixja qaddisa.

Imbagħad dejjem l-istess profeta juri b'qawwa kbira l-id providenzjali ta' Alla u dan l-aktar waqt il-mixja tiegħu fir-ritorn lejn artu. "Oħorġu minn Babilonja, aħarbu mill-Kaldin. B'leħen l-għana ħabbruha, u xandruha; xandruha sa truf l-art u għidu: Feda l-Mulej lil Ġakobb, il-qaddej tiegħu" (Is 48,20).

U donnu mhux kuntent b'dan il-kliem ta' inkoraġġiment, għaliex il-profeta jerġa' jsammar kliem ieħor ta' fidwa u sliem. Anzi jistieden lill-eżiljati biex dawn jilbsu sabiħ għaliex tassew waslitilhom il-fidwa u l-ħelsien mill-jasar iebes tal-Babilonja. "Xidd il-qawwa tiegħek, Sijon! Ilbes mill-isbaħ, Ġerusalemm, belt qaddisa! Tfarfar mit-trab, qum, ilsira Ġerusalemm, ħoll l-irbit minn għonqok, ilsira bint Sijon! Għax dan jgħid il-Mulej. Kontu mibjugħa b'xejn u mingħajr flus tinfdew."

U sabiex il-profeta ikompli jimla bil-kuraġġ lil dawn in-nies li se jibdew mixja hekk tqila, twila u diffiċli, il-profeta jfakkarhom fl-imgħoddi meta l-antenati tagħhom stess għaddew minn din l-istess esperjenza. Hawn it-tfakkira tmiss il-mixja fid-deżert tas-Sinaj b'Mosè l-kap tal-poplu. "Feda l-Mulej lil Ġakobb, il-qaddej tiegħu; għaddiehom mid-deżert u ma ħadhomx l-għatx; ilma mill-blat nixxielhom, u xaqqilhom il-blat u gelglilhom l-ilma" (Is 48,21).

## Il-qawwa tad-dilka

Dettal ieħor qawwi u important f'dan il-ħsieb ta' ħelsien mill-jasar huwa l-isem tas-sultan li grazzi għalih il-poplu mjassar kien se jikseb il-ħelsien sħiħ u jibda l-mixja tiegħu. Dan huwa Ċiru, is-sultan tal-Persja. Interessanti ħafna għaliex Isaija isejjaħlu "il-midluk tiegħi, lil Ċiru li qbadt minn idu l-leminija biex inrażżan il-ġnus quddiemu u nħoll il-ħżiem ta' ġenbejn is-slaten, niftaħ il-bibien quddiemu u ebda bieb ma jibqa' magħluq" (Is 45,1).

F'dan il-kliem mimli hemm ħsibijiet għolja dwar id-dlik biż-żejt ta' min ifissru ftit aktar. Mela skont il-profeta, Ċiru jissejjaħ il-"midluk tal-Mulej", *limxiħo*. Mela hawn l-ideja tad-dilka u li din dejjem issir biż-żejt pur taż-żebbuġa. Hawn ta' min ifakkar fid-dilka biż-żejt li wettaq il-profeta Samwel lit-tifel iż-żgħir ta' Ġessi, David f'Betlehem u dritt inħass l-effett tad-dilka: "U Samwel ħa f'idejh il-qarn biż-żejt, u dilku quddiem ħutu.

Minn dak in-nhar 'il quddiem niżel fuq David u ħakmu l-ispirtu tal-Mulej" (1 Sam 16,13).

Is-Salm 133 juri stagħġib qawwi u qaddis lejn dak l-individwu li jiġi midluk biż-żejt. Għaliex iż-żejt iħalli sinjal, karattru li xejn ma huwa faċli li jitneħħa. "Bħal żejt mill-aħjar imsawwab fuq ir-ras, li jinżel mal-leħja tiegħu, li jinżel mal-leħja ta' Aron; sa fuq il-għonq ta' ħwejġu" (Sl 133,2). Il-fatt li iż-żejt tad-dilka niżel sa fuq il-għonq tal-ħwejjeġ ifisser abbundanza kbira.

U la qegħdin niktbu dwar l-effett qaddis taż-żejt fuq ras l-individwu ta' min ifakkar ukoll fi kliem is-sultan David. Dan bin Ġessi ġietu l-okkażjoni propizja biex jidrob u jeħles darba għal dejjem mis-sultan Sawl li kien tassew persekutur ta' David. Sawl is-sultan bosta drabi ħadem b'makakkerija fina biex jeħles darba għal dejjem minn David. Issa il-paġna nqalbet. Imma meta s-suldati ta' David ħeġġewh biex joqtol lil Sawl, David weġibhom hekk: "Iħarisni l-Mulej! Ma jkun qatt li nagħmel dan lil sidi, il-midluk tal-Mulej, li mmidd idi fuqu għax hu l-midluk tal-Mulej" (1 Sam 24,7; Ara wkoll 1 Sam 26,7-9).

Issa Isaija qed isejjaħ lil Ċiru "il-midluk tiegħi". Mela persuna speċjali, unika, mogħġuba ħafna minn Alla. Dan għaliex Ciru ħareġ id-digriet tal-ħelsien u l-Lhud setgħu jibdew il-mixja tagħhom ta' ħelsien.

## Il-qawwa tal-lemin

Kelma oħra li tgħolli kemm Alla faħħar u sebbaħ lis-sultan Ċiru hija il-kelma "idu il-leminija". Issa fl-Iskrittura u speċjalment fit-Testment il-Qadim



Il-qabar ta' Ċiru f'Pasargadae, Iran

il-pożizzjoni tal-lemin għandha importanza u sinjifikat kbir tassew. Altru wieħed iħaddem idu il-leminija minn wieħed li jħaddem biss idu ix-xellugija. Tant hija kelma qawwija li fil-Bibbja l-kelma "lemin" hi miktuba għal 450 darba.

Xi eżempji biex insaħħu l-argument tagħna: Is-sultan il-qawwi Salamun ħejja tron għal ommu Batseba "fuq il-lemin tiegħu" (1 Slat 2,19). Is-Salm 45,5 jikteb hekk dwar il-leminija ta' Alla: "Turik lemintek ħwejjeġ ta' l-għaġeb!" Fil-waqt li s-Salm 139,10 jikteb hekk: "Hemm ukoll tilħaqni idek, u taqbadni l-leminija tiegħek." Kif ukoll: "Għajat ta' ferħ u rebħ fl-għerejjex tat-tajbin; il-leminija tal-Mulej għamlet ħwejjeġ ta' ħila, il-leminija tal-Mulej 'il fuq merfugħa, il-leminija tal-Mulej għamlet ħwejjeġ ta' ħila" (Salm 117,16).

Issa Isaija qed jassigura li Alla stess qabad lil Ċiru minn idu l-leminija; mela se jkun miegħu fil-missjoni ta' ħelsien lejn u mal-poplu magħżul.

U mhux biss, imma l-protezzjoni u l-ħarsien ta' Alla ma' Ċiru se jkompli jidrhu bil-fatti u bil-qawwa kollha.

## Il-ħżiem marbut

L-aħħar kelma li turi protezzjoni u għajnuna ġejja min-naħa ta' Alla hija l-kelma "ħżiem". Aħna nużaw il-kelma terħa. Din hija faxxa ftit wiesgħa, li aktarx tkun tal-qoton, u li l-irġiel jorbtuha ma' qaddhom u jrossuha ftit sew magħhom. Din iċ-ċintura kienet isserva ta' protezzjoni għall-ġisem; tant li wieħed dejjem bit-terħa mdawwra ma' qaddu jħossu dejjem aktar b'saħħtu. Jien niftakar sew li dawk in-naġġara, u l-aktar il-burdnara u dawk l-irġiel li jġorru l-ġebel fuq spallejhom, dejjem kien ikollhom iċ-ċintura jew terħa imdawwra ma' ġenbejhom.

Is-Salm ukoll juri l-importanza tal-ħżiem: "Tħażżem, qalbieni, b'sejfek fuq ġenbejk; ilbes il-ġieħ u l-ġmiel tiegħek!" (Salm 45,4). Li titħażżem ifisser ukoll se tibda xi vjaġġ aktarx twil u tqil. Hekk amarlu l-anġlu lil Pietru meta dan kien il-ħabż: "Tħażżem u ilbes il-qorq" (Atti 12,8).

Mela li inti jkollok iċ-ċintura miegħek ifisser li għandek protezzjoni u ħarsien. U bil-kontra wkoll, mingħajr ħżiem inti kważi bla armi f'idejk!

Hekk Isaija f'banda oħra jikteb li b'kastig il-Mulej minflok ċintura jagħti ħabel (Is 3,24). U San Pawl bi kliem figurattiv jikteb: "Ħażżmu ġenbejkom bil-verità" (Ef 6,14).

Issa Alla dejjem bi kliem figurattiv u li jfisser ħarsien sħiħ lil Ċiru jgħidlu hekk: "Jien ħażżimtek għad li lanqas tafni, biex mnejn titla' x-xemx safejn tinżel l-bnedmin jagħrfu li m'hemm ħadd ieħor ħliefi" (Is 45,5).

Dan kollu hu ta' garanzija li għamel Alla mal-poplu tiegħu biex ikun jista' jimxi u jasal sal-belt tant mixtieqa u għażiża għalih, Ġerusalemm.



# L-APOKALISSI (10)

*Fr Charles Buttigieg*

*"Li Hu, u li Kien, u li għad irid Jiġi" (Apokalissi 4:8)*

## Teoloġija Biblika tal-Apokalissi

### Il-Knisja

Fil-ktieb tal-Apokalissi l-ħsieb u t-tema tal-knisja huma importanti. Fil-fatt it-tema tal-Knisja (bil-Grieg *ekklesia*, tinsab 20 darba) kif naraw f'1:20 u l-liturġija ekkleżjali u anke f'dik li hi liturġija kultwali li nsibu f'Apokalissi 4 u 5 kif jgħidilna J. Paulien: "No passage in Revelation contains a larger quantity or a wider variety of allusions to the Hebrew cultus than the introductory scene of Revelation 4 and 5. Such a variety of references could only come from an occasion in which the entire temple/sanctuary was involved". F'din il-liturġija jew assemblea liturġika għandna li xi ħadd jaqra u l-ġemgħa twieġeb. Ġwanni hu medjatur f'dan ir-rapport liturġiku bejn Alla u l-ġemgħa li fi ħdanha hemm Ġesù.

Il-Knisja hi fuq l-art, iżda għandha d-dimensjoni tas-sema, Ġerusalemm il-ġdida (eskatoloġika) f'21:14, il-belt il-qaddisa, li hija l-art u s-smewwiet ġodda, li hija riflessjoni wkoll ta' Isaija 52:1 (bl-Ebrajk *yerushalaim 'ir haqqodesh* u bil-Grieg *ten poli ten hagian Ierousalem kainen*, ara Apokalissi 21:2); u Galatin 4:26. Rigward dan Beale jikteb: "There is an escalation in dimensions, since the Ezekiel temple was merely square while the Apocalypse's new Jerusalem is cubic. The actual dimensions of the city-temple are also escalated." Marbut mal-knisja nsibu wkoll riferenzi għas-sagrament tal-Knisja. Għal Theodulf il-ġaspru (għandu kulur tal-baħar) ifisser il-magħmudija tal-knisja f'4:3. Il-kuruna f'12:1, is-sieq tal-anġlu f'10:2 u t-triq f'22:2 huma wkoll simboli tal-Knisja.

Ġerusalemm hija l-knisja tas-sema. Hija mpittra bħala belt u bħala għarusa (bil-Grieg *nunphe* u għalhekk għada mhix 'mara' - *gune*) u toħroġ rebbieħa (ara Eżekjel 16:11-13). L-isem 'Ġerusalemm' (bl-Ebrajk *Yerushalayim* - plural, bil-Grieg *Hierosolyma* minn *hieron Solomonos* – it-tempju ta' Salamun) insibuh



*Il-Bieb tad-Deheb tat-Tempju ta' Ġerusalemm minn barra*
*© Petrus Schüler OFM, Kumm. AI Munich*

838 darba fl-Antik Testment u 143 darba fil-Ġdid Testment u għalhekk kważi kollox elf darba (eżattament 981). Riferimenti oħra għal dan l-isem huma Ġebus (ara Ġożwè 15:8), Sijon (ara 1 Kronaki 11:4-5, Ġoel 2:15 u Isaija 33:20), il-Belt ta' David (1 Slaten 7:1-2), Arijel (l-iljun ta' Alla), il-Belt ta' Alla (Isaija 60:14), il-Belt il-Qaddisa (Isaija 51:1-2 u Neħemija 11:1), bint Sijon (Sofonija 3:14-18; Żakkarija 9:9 u Mikea 4:10), il-belt tas-Sultan il-Kbir (Mattew 5:34-35), il-Belt tal-Verità (Żakkarija 8:3) u l-Belt tal-Ġustizzja (Isaija 1:4-27).

Dan hu ż-żmien propizju u importanti (bil-Grieg *kairos*, tempo decisivo, il momento cruciale) għall-Knisja kollha li tħares fl-istorja taż-żmien (*kronos*) lejn il-Jum (*he hemera*) il-Kbir kif naraw fil-ġudizzju u s-salvazzjoni (ara 17:1-22:5). Jitħabbar sema ġdid u art ġdida, liema temi nsibuhom fil-profeziji ta' Isaija 65:17 u 66:22 (ara ukoll Mark 13:31 – l-apokalissi ż-żgħir; Mattew 5:18 u 24:35). Il-Knisja li hi totalità liturgika hi fuq l-art, iżda rajna li għandha dimensjoni tas-sema, dik ċelesti, Ġerusalemm il-ġdida kif naraw f'21:14.

Fil-Ġdid Testment din ir-rabta ta' mħabba, isseħħ fi Kristu mal-Knisja. Għalhekk l-unika 'għarusa' ta' Ġesu` hija l-Knisja kif naraw tajjeb f'Efesin 5:25: "Intom, l-irġiel, ħobbu n-nisa tagħkom, kif Kristu ħabb il-Knisja u ta ħajtu għaliha" u f'2 Korintin 11:2: "Jiena għajjur għalikom bl-istess għira ta' Alla, għax jiena għarrastkom lil għarus wieħed, bħallikieku kontu xebba safja biex inressaqkom quddiem Kristu". San Pawl ikompli jħares lejn iż-żwieġ nisrani bħal mera taż-żwieġ ta' Kristu u l-Knisja: "għax aħna lkoll membri tal-Ġisem tiegħu. Għalhekk ir-raġel iħalli lil missieru u lil ommu u jingħaqad ma' martu, u jsiru t-tnejn ġisem wieħed. Dan il-misteru qiegħed ngħid għal Kristu u għall-Knisja – huwa kbir!..." (Efesin 5:30-33). Proprju fl-Apokalissi naraw ukoll dan il-ħsieb, fejn naraw il-glorja tal-għarusa, mart il-ħaruf (ara 21:9-10). Huwa ktieb li fuq kollox jitkellem dwar il-knisja, dik inkarnata u dik trasfigurata. Hawnhekk E. Schweizer jgħid li

*Ġerusalemm tal-art imdiebha, xbieha ta' Ġerusalemm tas-sema*
*© Petrus Schüler OFM, Kumm. AI Munich*



l-Apokalissi huwa "indeed church-minded".

## Is-Soterjoloġija

Is-Soterjoloġija huwa dak l-istudju kollu teoloġiku li jitkellem mill-misteru tas-salvazzjoni. Proprju Apokalissi 19:11-21, juri din l-intenzjoni ta' Alla li jrid isalva l-umanità kollha u li kulħadd jasal u jidħol fil-belt tas-sema li hija Ġerusalemm (*axis mundi*) tas-sema (ara ukoll 'Ġerusalemm il-ġdida' f'Eżekjel). Hawnhekk Leivestad fl-1954 jikteb: "God is the one who conquers, the one who grants victory." Dan kollu jilħaq fil-qofol tiegħu fir-rebħa għalina tal-Ħaruf.



Ġerusalemm tas-sema

Għalhekk il-bnedmin huma msejħin sabiex jaspiraw għal din il-qdusija għaliex Alla hu qaddis (Levitiku 11:44-25). Fil-fatt l-aġġettiv *hagios* (bil-Lhudi *qadosh*) insibuh 233 darba fil-Ġdid Testment fejn fl-Apokalissi jinsab 25 darba (11 fil-mija, wara l-Atti tal-Appostli fejn insibuh 53 darba jew 23 fil-mija). Din il-qdusija fil-ktieb tal-Apokalissi narawha wkoll permezz tat-termini 'tempju' (*naos*) f'11:1 b'riferiment għat-tempju tas-sema u għalhekk il-poplu ta' Alla; il-bitħa tat-tempju (*hieron*, 11:2); l-altar (*to thusiasterion*, (14:18); il-kandelabru (2:1); is-saċerdoti (20:6); iċ-ċensier (8:3); l-inċens (8:4) u l-arka (11:19). Alla għalhekk jikkumbatti lid-Dragun, liż-żewġ bhejjem u lid-dnub. Hemm ukoll dawk is-slaten li segwew huma wkoll lill-Ħażen. U għalhekk għandna l-battalja tas-salvazzjoni bejn Alla u l-għedewwa tiegħu li huma: Babilonja (14:8); u d-Dragun (12:3-18).

Test soterjoliġiku li nsibu fl-Apokalissi huwa 7:1-17, fejn naraw lil Alla jħares lill-poplu tiegħu f'7:1-3, Alla li jżomm il-wegħda tiegħu tas-salvazzjoni f'7:4-8; Alla u s-salvazzjoni f'7:9-17 li seħħet permezz ta' Ibnu Ġesù (ara Atti 1:8, 1 Pietru 1:19 u Ġwanni 3:16). Hawnhekk naraw il-144 elf (numru figurattiv li juri armonija u universalità – mhux universali) li huma siġġillati bħala qaddejja ta' Alla kif naraw f'7:1-8; li huma jigglorifikaw lil Alla f'7:9-12 u li dawk li jemmnu jirċievu l-qdusija u l-providenza ta' Alla f'7:13-17. Hawnhekk mit-tribù ta' Iżrael, l-awtur ipoġġi lil Ġuda l-ewwel (minkejja li kien ir-raba' wild ta' Ġakobb), għaliex minnu ġie s-sultan David (ara ukoll Eżekjel 34:23 u Apok 5:5) u jħalli barra lil Dan u Efrajm u jinkludi lil Levi u lil Manasse (Ġenesi 49 għandu lil Dan u Eżekjel 48 jinkludi lil Dan u Efrajm). Skont tradizzjoni li ġejja minn San Irinew, l-Antikrist għandu jiġi mit-tribù ta' Dan. Skont Imħallfin 18:30 huma wkoll aduraw lill-allat foloz u anke għaliex bnew imkejjen ta' kult kontra r-rieda ta' Alla kif naraw f'1 Slaten 12:29. Efrajm hu mħolli barra għaliex huwa marbut mas-Saltna ta' Fuq li daret kontra Alla kif naraw f'Ħosea 4:17-14:8. L-erba' anġli li jżommu l-erba irjiħat tad-dinja f'7:1-2 jirrappreżentaw kull rokna tad-dinja kif naraw f'Eżekjel 7:2. L-anġlu l-ieħor li jitla'



*Il-Bieb tad-Deheb tat-Tempju ta' Ġerusalemm minn ġewwa*
*© Petrus Schüler OFM, Kumm. AI Munich*

mil-lvant minn fejn titla' x-xemx juri li s-salvazzjoni ġejja minn Kristu, ix-Xemx tal-ġustizzja kif naraw lit-tempju ta' Ġerusalemm li jħares lejn il-ilvant f'Eżekjel 43:2 u f'Malakija 4:2 fejn is-salvazzjoni li tiġi minn Alla hija mxebbħa max-xemx tiela' mil-lvant.

Għal Boring (1986), Kristu: "reveals the definitive expression of the power and love of God." F'Apokalissi 7:3 naraw anġlu ieħor li jgħajjat għall-protezzjoni tad-dinja, tal-baħar u tas-siġar quddiem il-qaddejja ta' Alla li huma mmarkati bl-ittra ebrajka 'Tau' (l-aħħar ittra tal-alfabet Lhudi) fuq moħħhom (ara ukoll Eżekjel 9), liema marka tipproteġihom mill-Ħażen u għalhekk huma jifirħu quddiem il-Ħaruf tas-salvazzjoni tagħhom. Dawk li ma humiex immarkati b'dan is-siġill jaraw il-korla tal-Ħaruf u ta' Alla kif naraw f'6:15-17. Għalhekk dawk li jemmnu u jikkumbattu mal-ħażen bix-xhieda tagħhom, ser jirċievu l-unur u l-premju li jsaltnu għal dejjem ma' Kristu (Apok 20:4).

Minbarra dan kollu, il-Ktieb tal-Apokalissi jrid juri s-salvazzjoni wara l-waqgħa tal-ewwel bniedem fil-Ġenesi. Għalhekk jekk fil-Ġenesi rajna r-rakkont tal-ħolqien tal-univers, tad-dinja, tal-annimali u tal-bniedem, issa fl-Apokalissi għandna ħolqien ġdid, dak ta' Ġerusalemm tas-Sema. Fil-kapitli 21 u 22 għandna għalhekk il-ġnien tal-Għeden il-Ġdid, il-ġnien *paradeisos* (mill-Persjan *pari* - madwar u *daeza* - ħajt; *paridaeza* – kjostru, *para* bil-Grieg - maġenb) ta' Alla. F'2:7 *en to paradeiso tou Theou* tissemma s-siġra tal-ħajja li teħodna għall-Ġenesi 2-3. F'21:1-5 tissemma sema u art ġdida (*kainos*) fejn ma hemmx baħar (ara Isaija 65:17 u 2 Pietru 3:13). Din il-belt ġdida ma għandna l-ebda rabta mal-qadim imma ġejja minn Alla bħala ħolqien ġdid (*apo tou Theou*, *apo* - minn). Din hija tassew il-Belt ta' Alla fejn ma hemmx iktar in-negatività

tal-baħar (*thalassa*), il-mewt, il-biki u l-uġigħ.

L-adorazzjoni quddiem (*enopion*) it-tron ta' Alla tkompli lejl u nhar (Apok 7:15). L-Apokalissi għandu 24 riferenza għall-adorazzjoni marbuta mal-kelma griega *proskuneo* (mill-verb *kunein*, tbus l-art, ara 1 Korintin 14:25). Il-Ħaruf huwa fonti tad-dawl ta' dejjem li jeħodna għad-dawl tal-Ġenesi 1:1-4. Id-dawl tal-preżenza ta' Alla jiżboq lix-xemx u lill-qamar (ara Ġenesi 1:16-18 u Isaija 24:23) u l-lejl u l-jum isiru ħaġa waħda lin-nazzjonijiet (*ethne*) kollha. Il-bibien ta' Ġerusalemm il-ġdida huma dejjem miftuħa (ara Isaija 60:11 u Numri 6:25). F'Ġerusalemm il-ġdida l-qaddejja ta' din l-art isiru kollha rejiet għal dejjem kif naraw f'22:5 (ara Ġenesi 2:15; Eżodu 19:16; Isaija 61:6 u 1 Pietru 2:9-10) għaliex ir-renju ta' Alla huwa għal dejjem ta' dejjem (*eis tous aionas ton aionon*, insibuha 8 darbiet, formula ta' eternità preżenti fil-*berakah* ġudajka) kif naraw f'Danjel 7:27. Fil-ġnien tal-Għeden f'Ġenesi 2:9 kien hemm is-siġra tal-għerf u s-siġra tal-ħajja fejn is-siġra tal-għerf ġabet it-telfien. F'Ġerusalemm il-ġdida ma hemmx iktar is-siġra tal-għerf imma s-siġra tal-ħajja kif naraw f'Apokalissi 22:2, liema xena tirrifletti Eżekjel 47:12. Din hija l-missjoni ta' Alla li jrid  isalva lil kulħadd: "Is-salvazzjoni nafuha lil Alla tagħna li qiegħed fuq it-tron, u lill-Ħaruf." (7:10); u "Wara dan smajt bħal leħen qawwi ta' kotra kbira fis-sema jgħidu: "Hallelujah! Is-Salvazzjoni u l-glorja u l-qawwa ta' Alla tagħna, għax veri u ġusti huma l-ġudizzji tiegħu" (19:1-2).

## Bibliografija


Arcari, L., *Visioni del figlio dell'uomo nel Libro delle Parabole e nell'Apocalisse*, Antico e Nuovo Testamento 19, Brescia 2012.

Biguzzi, G., *Apocalisse. Nuova versione, introduzione e commento*, I libri biblici, Nuovo Testamento 20, Milano 2005.

Boring, M.E., *Revelation*, Interpretation, Louisville 2011.

Carvalho, J.C., "The Nations between the Angel and the Beast in the Book of Revelation", in *Didaskalia* 47 (2017) 43-62.

Fanning, B.M., *Revelation*, Zondervan Exegetical Commentary on the New Testament, Grand Rapids (MI) 2020.

Graves, D., *The Seven Messages of Revelation and Vassal Treaties. Literary Genre, Structure and Function*, Piscataway (NJ) 2009.

Manunza, C., *L'Apocalisse come 'actio liturgica' cristiana. Studio esegetico*. AnBib 199, Roma 2012.

Oniszczuk, J., "Composizione e messaggio della lettera alla Chiesa di Efeso (Ap 2:1-7)", in *Gregorianum* 98 (2017) 463-480.

Piazzolla, F., "La gune' dell'Ap: funzione materna e sponsale della chiesa", in *Liber Annus* 65 (2015) 351-378.

Tzamalikos, P., *An Ancient Commentary on the Book of Revelation: A Critical Edition of the Scholia in Apocalypsin*, Cambridge 2013.

Vanni,U., *Apocalisse, libro della Rivelazione. Esegesi biblico-teoligica e implicazioni pastorali*, Bologna 2009.

Vanni, U., *Dal Quarto Vangelo all'Apocalisse. Una comunita' cresce nella fede*, Orizzonti biblici, Assisi 2011.

Van Rensburg, H.J., "All the Apocalypse a stage: The ritual function of apocalyptic literature", in *HTS Teologiese Studies/Theological Studies* 75 (2019) 1-8.

Zamfir, I., "Jerusalem in motion. Images of Jersualem in the Bible and beyond", in *RES* 13 (2021) 160-174.

Zampa, G., *Il libro dell'Apocalisse nei testi della Liturgia Eucaristica della Chiesa Italina contemporanea*, Roma 2018.



Qiegħed it-tinda tiegħu fostna
© Petrus Schüler OFM, Kumm. AI Munich

# IL-PROLOGU TAL-EVANĠELJU SKONT SAN ĠWANN

*Rev. Prof. Martin Micallef*

L-ewwel tmintax-il vers tal-ewwel kapitlu tal-Evanġelju skont San Ġwann jiffurmaw dak li baqa' magħruf bħala il-Prologu/id-daħla ta' dan l-Evanġelju. F'dawn il-versi nsibu t-temi l-kbar li jiġu żviluppati matul in-narrativa ta' dan l-Evanġelju, filwaqt li minn kmieni joffrulna l-prospettiva meħtieġa li minnha rridu nitgħallmu naqraw dan l-Evanġelju.[1]

Huma ħafna l-pubblikazzjonijiet li jitrattaw il-Prologu ta' dan l-Evanġelju, pubbikazzjonijiet li jvarjaw minn studji dwar l-isfond tal-ideat li nsibu f'dawn l-ewwel tmintax-il vers, sa studji dwar l-istruttura jiġifieri kif jinqasam il-Prologu. Dawn il-pubblikazzjonijiet juruna d-diffikultà li hemm biex nippruvaw ninterpretaw dawn l-ewwel tmintax-il vers ta' dan l-Evanġelju li jiffurmaw wieħed mill-aktar testi tqal tat-Testment il-Ġdid. F'dan l-istudju se nagħtu ħarsa lejn il-Prologu filwaqt li se nitkellmu fuq xi ideat li jistgħu jgħinuna nifhmu xi ftit aħjar dak li naqraw fi Ġw 1:1-18.

## L-istruttura tal-Prologu

Huma diversi l-istudjużi li jipproponew modi differenti ta' kif jinqasam il-Prologu tal-Evanġelju skont San Ġwann. Rudolf Schnackenburg, per eżempju, jaqsam il-Prologu fi tliet partijiet: mill-versi 1-5 fejn jiġi ppreżentat il-*Logos* li kien minn dejjem; mill-versi 6 sa 13, li jitkellmu dwar l-miġja tal-*Logos* fid-dinja u kif id-dinja ma laqgħetux; mill-versi 14 sa 18, fejn insibu l-importanza salvifika tal-Inkarnazzjoni.[2] C.K. Barrett jippreżenta struttura aktar komplessa hekk kif huwa jaqsam il-Prologu f'erba' taqsimiiet: il-versi 1-5, li jsejħilhom it-taqsima 'kosmoloġija'; mill-versi 6 sa 8, li jsejħilhom 'ix-xhieda ta' Ġwanni'; mill-versi 9 sa 13, li jsejħilhom 'il-miġja tad-dawl;' u mill-versi 14-18, li jsejħilhom 'l-ekonomija tas-salvazzjoni.'[3] Aktar reċenti, Matthew Gordley jaqsam il-Prologu fi tmien taqsimiet: mill-versi 1-2 (il-Kelma ma' Alla); mill-versi 3-4 (il-Kelma u l-ħolqien); mill-versi 5-9 (il-Kelma u d-dinja); mill-versi 10-11 (ir-rifjut tal-Kelma fl-istorja ta' Iżrael); mill-versi 12-13 (ir-reċitazzjoni tal-Kelma fl-istorja ta' Iżrael); il-vers 14 (l-esperjenza tal-komunità dwar il-Kelma Inkarnata); mill-versi 16-17 (l-akkoljenza tal-grazzja min-naħa tal-komunità lejn Ġesù Kristu); il-vers 18 (spegazzjoni editorjali u ġabra fil-qosor).[4]

Dawn huma xi wħud mill-ħafna studji, inklużi kummentarji fuq l-Evanġelju skont San Ġwann, li jagħmlu tentattiv biex jispjegaw l-istruttura, jiġifieri kif inhu mibni l-Prologu f'rabta mal-ideat jew it-temi li jissemmew f'dawn l-ewwel tmintax-il vers tar-Raba' Evanġelju.

## Il-Preżentazzjoni tal-*Logos*

Permezz tal-Prologu, ir-Raba' Evanġelista jippreżenta lill-qarrejja bl-idea tal-*Logos* muri bħala dak li joħloq,[5] dak li jagħti l-ħajja u d-dawl lill-bniedem,[6] u bħala dak li hu preżenti fid-dinja,[7] speċjalment permezz tal-Inkarnazzjoni.[8] Dawn it-tliet azzjonijiet tal-*Logos* iservu sabiex iqajmu reazzjonijiet differenti ta' rifjut,[9] ta' akkoljenza,[10] u ta' stqarrija ta' fidi.[11] F'dan kollu, il-Prologu jantiċipa u jiġbor fil-qosor ir-rakkont kollu tar-Raba' Evanġelju li jiġi muri lilna bħala r-rivelazzjoni tal-Iben Inkarnat li jistieden lill-bnedmin sabiex jemmnu fih, għalkemm kien hemm min baqa' ma emminx.

Fl-ewwel żewġ versi tal-Prologu, ir-Raba' Evanġelista jippreżenta s-suġġett ewlieni bħala il-*Logos,* li bil-Malti ġiet tradotta bħala "il-Kelma" jew "il-Verb" b'referenza għal Ġesù. Dan it-titlu Kristoloġiku nsibuh użat biss fil-Prologu u darb'oħra fil-Ktieb tal-Apokalissi.[12] Fil-kumplament tal-Prologu, dan it-titlu Kristoloġiku insibu użat ftit drabi oħra: fil-v.1 jintuża għal tliet darbiet u darba



*Hawnhekk il-Verb twieled bħala bniedem*
*© Petrus Schüler OFM, Kumm. AI Munich*

fil-v.14. Fil-Prologu, dan it-titlu jiġi sostitwit minn titli oħra applikati għal Ġesù bħal ngħidu aħna, "l-Iben il-Waħdieni,"[13] "Ġesù Kristu,"[14] "l-Iben il-Waħdieni ta' Alla,"[15] li jintużaw biex jesprimu l-identità storika u divina tal-Iben.

Id-deskrizzjoni tal-*Logos* fil-Prologu hija espressa fi tliet frażijiet ewlenin. Fil-vers 1, l-Evanġelista jippreżenta il-*Logos* bħala dak li kien minn dejjem. Wara l-espressjoni "*fil-bidu* (bil-Grieg: *en arche*) kien il-Verb," hemm riferiment ċar għall-ktieb tal-Ġenesi (LXX).[16] Permezz tat-tieni espressjoni fil-vers 1, "u l-Verb *kien ma' Alla*" (bil-Grieg: *pros ton theon*), l-Evanġelista juri r-rabta tal-*Logos* ma' Alla. L-aħħar espressjoni tal-vers 1 "u l-Verb kien Alla" (bil-Grieg: *Theos en ho logos*) isservi biex mill-bidunett ta' dan l-Evanġelju, l-Evanġelista jippreżentalna l-identità divina tal-*Logos*, li hija l-bażi ta' dak kollu li l-*Logos* jgħid u jagħmel. Din l-istqarrija Kristoloġika fil-bidunett ta' dan l-Evanġelju tifforma bħal arkata li tagħlaq fl-aħħarnett tal-Evanġelju bl-istqarrija ta' Tumas: "Mulej tiegħi, u Alla tiegħi,"[17] u li fiha nilmħu l-istqarrija tal-fidi tal-Knisja.

## It-tema tal-ħolqien

Wara l-preżentazzjoni tal-*Logos,* l-awtur tal-Prologu jibda jiżviluppa t-tema tal-ħolqien li nistgħu nqisuha bħala aspett programmatiku fir-Raba' Evanġelju li għandha l-għan biex tgħin lill-qarrejja jiskopru kif dak li se jagħmel il-*Logos* jissarraf f'"ħolqien ġdid."[18]

L-Evanġelista jitratta din it-tema minn versi 3 sa 10 tal-Prologu. Fil-vers 3 naqraw dwar l-idea tal-ħolqien permezz ta' formulazzjoni doppja, l-ewwel fil-pożittiv - "Kollox sar bih" u mbagħad fin-negattiv - "u xejn ma sar mingħajru." B'dan il-mod, il-Prologu jafferma l-attività assoluta tal-*Logos* fil-ħolqien u l-fatt li kull ħlejqa tiddependi mill-azzjoni tiegħu.

Għalkemm fit-tradizzjoni biblika nsibu l-idea ta' kif il-ħolqien hu marbut mal-*kelma,*[19] l-idea li jintroduċi l-Prologu meta jgħidilna li kollox sar "permezz" (bil-Grieg: *dia*) tal-*Logos*, hija waħda ġdida

li tappartjeni lit-Testment il-Ġdid.[20] It-tema tal-ħolqien terġa' titfaċċa fil-vers 10 fejn l-awtur jirrepeti l-formulazzjoni tal-v.3. Din id-darba iżda, l-att tal-ħolqien mhuwiex muri f'rabta ma' "kollox" (bil-Grieg: *panta*) – "*kollox* sar bih" – imma f'rabta mad-dinja (bil-Grieg: *kosmos*) – "U *d-dinja* saret bih."

## Il-ħajja u d-dawl tad-dinja

It-tieni tema wara dik tar-rabta tal-*Logos* mal-ħolqien, tqiegħed il-*Logos* f'relazzjoni mal-ħajja u d-dawl. Fil-vers 4, naqraw: "Kellu l-ħajja fih, u l-ħajja kienet id-dawl tal-bnedmin." Il-milja tal-ħajja li tiġi minn Alla - li fil-Bibbja huwa msejjaħ Alla "il-Ħaj"[21] - fir-Raba' Evanġelju tinqasam mal-*Logos*.[22] Fi Ġw 1:4 din il-"ħajja" (bil-Grieg: *zoe*) tintrabat mar-rigal tad-"dawl" (bil-Grieg: *phos*) mogħti lill-bniedem. Iż-żewġ kelmiet, "ħajja" u "dawl" insibuhom diġà użati flimkien fit-Testment il-Qadim. Hekk, pereżempju fis-Salm 36:10 naqraw kif Alla hu "l-għajn tal-ħajja, fid-dawl tiegħek naraw id-dawl."

B'dan il-mod ġdid, l-Evanġelista jurina dak li kellu jagħmel il-*Logos* mad-"dinja" (bil-Grieg: *kosmos*), hekk li fil-vers 5 inkomplu naqraw: "Id-dawl jiddi fid-dlam, imma d-dlam ma għelbux." Dan il-kliem jiġi ċċarat aktar fi Ġw 3:19 fejn insibu xi ħaġa simili: "Id-dawl ġie fid-dinja, imma l-bnedmin ħabbew id-dlam aktar mid-dawl." Permezz tal-introduzzjoni tal-kelma "dlam" (bil-Grieg: *skotia*), u "dinja" (bil-Grieg: *kosmos*), fil-vers 5 tal-Prologu, l-Evanġelista jippreżentalna żewġ termini li jsiru karatteristiċi tal-vokabularju ta' dan l-Evanġelju. L-idea ta' "dinja" hija pjuttost kumplessa f'dan l-Evanġelju għax filwaqt li tintuża sabiex tirreferi għall-ħolqien f'sens newtrali, ħafna drabi tieħu tifsira negattiva meta tirreferi għal dawk li baqgħu ma aċċettawx ir-rivelazzjoni, jiġifieri ma emmnux fl-Iben il-Waħdieni ta' Alla, b'mod illi dawn jinsabu taħt il-ħakma "tal-prinċep ta' din id-dinja."[23]

F'din id-dikotomija, ir-Raba' Evanġelju b'xi mod isir jixbah il-kitbiet tal-komunità ta' Qumran, li jippreżentaw l-istorja tal-bniedem bħala ġlieda bejn id-dlam u d-dawl; bejn dawk li jappartjenu għall-ħażen, imsejħa "ulied id-dlam," u dawk li jagħżlu t-tajjeb, imsejħa "ulied id-dawl."[24] Dak li hu ġdid fir-Raba' Evanġelju iżda, huwa lid-dawl tal-*Logos* huwiex riservat għal "ulied id-dawl." Id-dawl tal-*Logos* Inkarnat juri ruħu b'mod paradossali fid-dlam, kif turi l-espressjoni fil-vers 5 tal-Prologu: "id-dawl jiddi fid-dlam."

F'kelma oħra, il-konflitt bejn id-"dawl" u d-"dlam" fir-Raba' Evanġelju, min-naħa jippreżentala lil Ġesù bħala dawl tad-dinja,[25] li jwassal lill-bniedem biex jemmen. Min-naħa l-oħra iżda, ir-reazzjoni tal-bniedem mhijiex dejjem waħda pożittiva, hekk kif bosta persuni irrifjutaw id-dawl, nota li tispikka fil-vers 5 fejn l-Evanġelista jgħid: "Id-dawl jiddi fid-dlam, imma d-dlam *ma għelbux* (bil-Grieg: *ou katelaben*). Din l-aħħar espressjoni hija mfissra b'żewġ modi differenti. Il-verb *katalambano* jista' jfisser "tirbaħ" jew "tilqa." F'dan is-sens, nistgħu nittraduċu l-użu ta' dan il-verb fil-vers 5 tal-Prologu bħala "id-dinja ma laqgħetux," jew "id-dinja ma rebħitlux."

L-azzjoni pożittiva tal-*Logos* bħala dawl nerġgħu niltaqgħu magħha fil-vers 9 - "Dak id-dawl veru, li jdawwal lil kull bniedem." B'dan il-kliem, l-Evanġelista jagħmilha ċara li l-għan aħħari tal-*Logos* huwa li jsalva. Dan il-punt joħroġ tajjeb meta dan l-istess vers ikompli jispeċifika li dan id-dawl veru "ġie fid-dinja." Din l-istqarrija, imbagħad, issir aktar espliċita fil-vers 14, li fih insibu l-istqarrija solenni tal-Inkarnazzjoni tal-*Logos*, b'mod li din il-ġrajja hija murija bħala "dawl."[26]

It-tema tal-*Logos* bħala dawl terġa' tissemma fil-versi 7 u 8 fejn issa naqraw dwar

il-missjoni tal-Battista murija mill-Evanġelista bħala xhieda tal-*Logos* u tal-funzjoni tiegħu ta' dawl. "Dan ġie bħala xhud, biex jixhed għad-dawl, biex bih kulħadd jemmen. Ġwanni ma kienx id-dawl, imma ġie biex jixhed għad-dawl." Hawnhekk l-użu ripetittiv għal tliet darbiet tal-kelma "dawl" (bil-Grieg: *phos*) tantiċipa karatteristika programmatika tal-*Logos* Inkarnat f'rabta mal-missjoni tiegħu fuq din l-art.

## Il-miġja tal-*Logos* fid-dinja

Fil-vers 10a tal-Prologu nkomplu naqraw: "Kien fid-dinja, u d-dinja saret bih." Ta' min jinnota iżda kif din l-istqarrjia qed tiġi mħabbra qabel l-istqarrija tal-Inkarnazzjoni li nsibu fil-vers 14, b'mod illi l-vers 10 b'xi mod jantiċipa dak li naqraw fil-vers 14 li jitkellem dwar il-manifestazzjoni storika tal-*Logos* inkarnat. Minkejja l-importanza ta' din il-ġrajja salvifika, fit-tieni parti tal-vers 10, l-Evanġelista jkompli jesprimi b'qasma ta' qalb: "imma d-dinja *ma għafitux* (bil-Grieg: *oux egno*). L-użu tal-verb "tagħraf" (bil-Grieg: *ghinoskein*) f'dan l-Evanġelju, ifisser ir-rabta li hemm bejn l-Iben u l-Missier, relazzjoni espressa wkoll f'termini ta' imħabba, ta' ubbidjenza, u ta' intimità.[27] Imma mhux biss; dan l-istess verb jintuża f'dan l-istess Evanġelju sabiex ifisser ukoll ir-relazzjoni ta' Alla mal-bniedem.[28] B'dan f'moħħna nistgħu napprezzaw kif l-użu ta' dan il-verb fil-vers 10 - "id-dinja ma għarfitux" - qed ifisser il-fatt kif id-dinja tal-bniedem għalqet qalbha għall-*Logos* u la laqgħetux, jiġifieri ma emmnitx fih.

Din l-idea tkompli fil-vers 11 fejn naqraw "Ġie f'daru, u niesu ma laqgħuhx." Hawnhekk, il-kelma tradotta bil-Malti "daru" (bil-Grieg *idia* ), litteralment tfisser "ġie f'dak li hu *tiegħu,*" jiġifieri dak li jappartjeni lilu jew il-proprjetà tiegħu. Minkejja dan, "niesu ma laqgħuhx" (bil-Grieg: *ou parelabon*). Hawnhekk, l-użu tal-verb "tilqa'" (bil-Grieg: *lambano*) jikkostitwixxi partikularità



lingwistika tar-Raba' Evanġelju, hekk kif f'xi testi partikulari f'dan l-istess Evanġelju, dan il-verb jintuża bħala l-ekwivalenti għall-verb "temmen" (bil-Grieg: *pisteuein*).[29]

Wara din in-nota qarsa li nsibu fil-versi 10 u 11, il-Prologu jmur lura sabiex jesprimi t-tweġiba pożittiva ta' fidi fir-rigward ta' dawk li laqgħu lil *Logos*. L-użu tal-kelma "imma" (bil-Grieg: *de*) li nsibu fil-bidu tal-vers 12, tesprimi l-kuntrast li l-Evanġelista joħloq mal-versi ta' qabel. "*Imma* lil dawk li jaqgħuh tahom is-setgħa li jsiru wlied Alla."

L-użu tal-kelma "setgħa" (bil-Grieg: *exousia*) f'dan il-vers isservi sabiex turi l-qawwa jew l-akkwist ta' dawk li laqgħu lil *Logos* u b'konsegwenza "jsiru ulied Alla" (bil-Grieg: *ghenesthai tekna theou*). Tajjeb hawnhekk inżommu f'moħħna li meta r-Raba' Evanġelista jitkellem minn Ġesù bħala l-"Iben" ta' Alla, huwa juża l-kelma bil-Grieg: *huios*. Mhux hekk iżda meta dan jitkellem fuq dawk li emmnu u saru "ulied" Alla. F'dan il-każ, l-evanġelista juża kelma differenti bil-Grieg: *tekna*. Bl-użu ta' dawn iż-żewġ kelmiet li fit-traduzzjoni tal-Malti nitilfu d-differenza bejniethom, l-Evanġelista jiddistingwi n-natura tal-Iben ta' Alla minn dik ta' dawk li emmnu fl-Iben.

Il-vers 13 imbagħad ikompli jispjegalna min huma dawk li l-Evanġelista jsejħilhom "ulied Alla." Dan issa jagħmlu l-ewwel bl-użu ta' negazzjoni triplika: "mhux (bil-Grieg: *ouk*) ... anqas (bil-Grieg: *oude*), anqas (bil-Grieg: *ode*); u mbagħad b'affermazzjoni pożittiva: "imma (bil-Grieg: *alla*) - "li twieldu *mhux* bid-demm, *anqas* mill-ġibda tal-ġisem, u *anqas* mir-rieda tal-bniedem, *iżda* minn Alla."

B'dan il-kliem mela, l-Evanġelista ried jurina illi li "issir" ulied Alla, huwa rigal li jiġi mogħti minn Alla u mhux minn xi att marbut mat-tnissil uman. Din l-idea tkompli tiġi żviluppata fid-djalogu bejn Ġesù u Nikodemu, meta Ġesù jistieden lil dan il-Fariżew li mar għandu bil-lejl sabiex "jitwieled mill-ġdid/għoli"[30] (bil-Grieg: *anothen*), u "mill-ilma u l-ispirtu."[31] Nikodemu jistagħġeb quddiem din l-istedina u jistaqsi: "Kif jista' wieħed jitwieled wara li jkun xjieħ? Jista' forsi jerġa' jidħol f'ġuf ommu u jitwieled?"[32] Ġesù jwieġeb lil dan l-imgħallem Lhudi bil-proverbju: "Dak li jitwieled mill-ġisem hu ġisem; u dak li jitwieled mill-Ispirtu hu spirtu."[33] Il-bniedem għalhekk ma jistax jipproduċi dak li hu ta' Alla, għaliex hu Alla biss li jagħti l-ħajja divina.

## L-Inkarnazzjoni tal-*Logos*

Mal-vers 14, il-Prologu jidħol f'fażi ġdida fil-ħsieb tiegħu, għalkemm joħloq rabta mal-affermazzjonijiet kollha li ġew qabel u li huma marbuta mal-*Logos*. Dan issir billi f'dan il-vers 14, l-Evanġelista jipproklama l-Inkarnazzjoni tal-*Logos*. "U l-Verb sar bniedem u għammar fostna, u aħna rajna l-glorja tiegħu." L-Evanġelista hawn jafferma li l-*Logos* divin li kien mill-bidu, issa daħal fid-dinja umana u sar bniedem.

Fil-fatt, wara l-ewwel tliet versi tal-Prologu, it-terminu *Logos* ma jintużax aktar. Minflok l-Evanġelista juża biss pronomi. Din l-istrateġija tidher li hija waħda intenzjonata biex tasal sal-vers 14, fejn issa l-Evanġelista jerġa' jagħmel użu mit-titlu *Logos* f'rabta mal-Inkarnazzjoni. Proprjament fit-test Grieg, l-Evanġelista ma jiktibx li l-*Logos* "sar bniedem" (bil-Grieg: *ghinestai anthropos*), imma li l-*Logos* "sar laħam" (bil-Grieg: *sarx egeneto*). Dan is-sens ta' konkretezza li l-kunċett ta' "laħam" jesprimi, jagħtina x'naħsbu li warajh hemm nota ta' polemika kontra id-doċestisti, dawk li kienu qed jiċħdu l-Inkarnazzjoni.[34]

F'dan il-vers 14, l-Evanġelista jintroduċi aspett ġdid fir-rigward tal-kunċett tal-*Logos* meta naqraw li l-*Logos*

waqqaf it-tabernaklu/ it-tinda tiegħu fostna (bil-Grieg: *eskenosen en emin*). B'din l-espressjoni, il-Prologu jgħaqqad il-ħsieb tiegħu mat-tradizzjoni Biblika fejn l-idea tat-tinda tidwi l-kunċett tal-ispazju qaddis li fih il-Mulej Alla kien jiltaqa ma' Mosè u mal-poplu biex jagħti direttivi konkreti.[35] B'dan il-mod, permezz ta' żewġ espressjonijiet "sar laħam" u "waqqaf l-għarix," il-Prologu jiddeskrivi l-forma doppja tal-ġrajja tal-Inkarnazzjoni. L-ewwel, il-Prologu jipproklama dak li hu ġdid fil-*Logos* Inkarnat u mbagħad jispjega dan f'parallelizmu sinonimu, permezz tax-xbieha meħuda mit-tradizzjoni biblika.

## L-Istqarrija tal-fidi tal-komunità

L-aħħar parti tal-vers 14 fil-Prologu, tesprimi l-istqarrija ta' dawk li għalihom inkiteb dan l-Evanġelju, hekk kif issa l-awtur juża l-ewwel persuna fil-plural "Aħna" – "U *aħna* rajna l-glorja tiegħu." Il-kunċett bibliku tal-"glorja" (bil-Grieg: *doxa*) jirreferi għan-natura divina, li issa dehret fil-"ġisem" uman tal-*Logos divin*. Din hija l-istess "glorja" li waslet lid-dixxipli sabiex jemmnu f'Ġesù wara li wettaq l-ewwel sinjal tiegħu. "Dan li għamel Ġesù f'Kana tal-Galilija kien l-ewwel fost is-sinjali tiegħu. Bih wera *l-glorja* tiegħu u d-dixxipli tiegħu emmnu fih."[36]

L-istqarrija ta' dawk li emmnu u li kkontemplaw il-glorja tal-*Logos* Inkarnat, twassal ukoll għall-istqarrija li ssegwi, jiġifieri "il-glorja li għandu mill-Missier bħala Ibnu l-waħdieni, mimli bil-grazzja u l-verità."[37] Nistgħu ngħidu li bl-użu ta' din id-dikjarazzjoni, il-Prologu jesprimi l-karatteristiċi tas-soterjoloġija u tal-Kristoloġija li tiġi żviluppata matul dan l-Evanġelju. L-Iben li hu l-Mibgħut tal-Missier, joffri lill-bniedem il-ħajja, id-dawl u l-verità, tliet karatteristiċi li jsemmi dan l-Evanġelista u li bihom jaqra bil-mod tiegħu l-idea tas-salvazzjoni.

L-istqarrija tal-fidi tal-komunità, espressa bil-pronom "Aħna" (bil-Grieg: *hemeis*) li ltqajna magħha fil-vers 14, terġa' tintuża fil-vers 16 tal-Prologu: "Mill-*milja* (bil-Grieg: *pleromatos*) tiegħu aħna lkoll ħadna *grazzja fuq grazzja* (bil-Grieg: *charis anti charitos*). Il-kunċett ta' "milja" hawnhekk, jesprimi l-abbundanza tas-salvazzjoni mogħtija b'xejn mill-*Logos* Inkarnat lil dawk li emmnu fih, kif turi wkoll l-espressjoni l-oħra "grazzja fuq grazzja."[38]

Bil-vers 17, l-Evanġelista issa jintroduċi t-tieni personaġġ fl-istorja – minbarra l-*Logos* – wara r-referenza ta' Ġwanni l-Battista. "Alla ta l-liġi permezz ta' Mosè, imma l-grazzja u l-verità seħħew permezz ta' Ġesù Kristu." Numru ta' studjużi jqisu dan il-vers bħala wieħed li fih hemm moħmija polemika fina bejn Mosè u Ġesù; bejn iż-żmien tal-liġi, u ż-żmien tal-grazzja. B'dan il-mod Ġesù jiġi muri bħala personaġġ superjuri fuq Mosè, u kif il-grazzja li ġabilna Ġesù hija superjuri għad-don tal-Liġi li waslet għandna permezz ta' Mosè.[39] Din it-tema tkompli tinħema matul in-narrativa kollha ta' dan l-Evanġelju fejn Ġesù jiġi muri bħala xi ħadd superjuri għall-persuna ta' Mosè u għal dak kollu li jappartjeni lill-istituzzjonijiet ta' Iżrael.[40]

Din il-kontroversja bejn Mosè u Ġesù tkompli fil-vers 18 "Lil Alla għadu ħadd ma rah; imma għarrafhulna l-Iben il-waħdieni ta' Alla, li hu fi ħdan il-Missier." Jidher li l-isfond ta' dan il-vers konklużiv tal-Prologu huwa t-talba li Mosè kien għamel lil Alla biex jurih wiċċu, talba li Mosè ma rnexxilux jikseb bit-tweġiba li min jara lil Alla jmut.[41] Imma issa hemm eċċezzjoni għal dan: l-Iben ta' Alla, l-uniku wieħed li "ra" lil Alla, u li allura huwa tassew superjuri għal Mosè. Interessanti l-kelma "għarrafhulna" f'dan il-vers, li titraduċi l-kelma bil-Grieg: *exegesato*. Bl-użu ta' din il-kelma – li minnha




toħroġ il-kelma 'eseġeżi' – l-Evanġelista jgħidilna li l-Iben hu l-eseġeta tal-Missier, jiġifieri dak li ġie biex jgħarrafna l-misteri ta' Alla. Dan jista' jagħmlu biss għaliex "hu fi ħdan il-Missier" (bil-Grieg: *eis ton kolpon tou patros*).[42]

Il-v.18 jippreżentalna problema ta' kritika testwali. Dan minħabba li xi manuskritti jitkellmu mill-*Logos* bħala "Alla il-waħdieni" (bil-Grieg: *monoghenes theos*), filwaqt li oħrajn jitkellmu mill-"Iben il-waħdieni" (bil-Grieg: *monoghenes uious*).[43]

## Konklużjoni

Il-Prologu tal-Evanġelju skont San Ġwann nistgħu nqisuh bħala l-frott ta' riflessjoni matura fuq il-persuna ta' Ġesù Kristu. Dawn l-ewwel tmintax-il vers ta' dan l-Evanġelju ġew miktubin fid-dawl ta' tradizzjonijiet rabbiniċi li jitkellmu dwar il-Liġi u l-Għerf ippersonfikati li naqraw dwarhom fit-Testment il-Qadim.[44] Fuq kollox, il-Prologu juża kliem li permezz tiegħu l-Evanġelista jħabbar it-temi l-kbar li huwa mbagħad ikompli jiżviluppa matul in-narrativa kollha li ħallielna. L-għan ta' dan kollu hu li jwassal lill-qarrejja ħalli jemmnu li Ġesù, il-*Logos* Inkarnat, li ġie fid-dinja biex jurina lill-Missier, għandu l-qawwa li jagħtina s-salvazzjoni, kelma li hawnhekk hija espressa permezz tal-ħajja u d-dawl.[45]

## Referenzi

[1] Dwar dan ara R. Alan Culpepper, "The Prologue as Theological Prolegomenon to the Gospel of John," f'*The Prologue of the Gospel of John,* eds J.G. Van Der Wati u R. Alan Culpepper. WUNT 359 (Tübingen: Mohr Siebeck, 2016), 3-26.

[2] Ara Rudolf Schnackenburg, *The Gospel according to St John,* trans. Kevin Smyth (Kent: Burns & Oats, 1980), 1:227.

[3] Ara C.K. Barrett, *The Gospel according to St John,* 2nd edn (London: SPCK, 1978), 149-150.

[4] Ara Matthew Gordley, "The Johannine Prologue and Jewish Didactic Hymn

Traditions: A New Case for Reading the Prologue as a Hymn," *Journal of Biblical Literature* 4 (2009): 787-788.

[5] Ara Ġw 1:3.10.

[6] Ara Ġw 1: 4.5.7.8.9.

[7] Ara Ġw 1:10-11.

[8] Ara Ġw 1:14a.

[9] Ara Ġw 1:5; 10; 11.

[10] Ara Ġw 1:12.

[11] Ara Ġw 1:14b; 17-18.

[12] Ara Apok 19:13.

[13] Ġw 1:14.

[14] Ġw 1:17.

[15] Ġw 1:18.

[16] Dwar din l-idea ara, John Painter, "'The Light Shines in the Darkness ...' Creation, Incarnation, and Resurrection in John," f'*The Resurrection of Jesus in the Gospel of John,* eds Craig G. Koester u Reimund Bieringer. WUNT 222 (Tübingen: Mohr Siebeck, 2008), 25-27.

[17] Ġw 20:28.

[18] J.D. Du Rand, "The Creation Motif in the Fourth Gospel. Perspectives on its Narratological Function within a Judaistic Background," f'*Theology and Christology in the Fourth Gospel,* eds G. Van Belle, J.G. Van Der Watt, P. Maritz (Louven: Peeters, 2005), 24, jitkellem dwar il-motif tal-ħolqien ġdid bħala aspett karatteristiku tan-narrazzjoni kollha ta' dan l-Evanġelju. Ara wkoll l-istudju ta' Masanobu Endo, *Creation and Christology. A Study on the Johannine Prologue in the Light of Early Jewish Creation Accounts.* WUNT 2/149 (Tübingen: Mohr Siebeck, 2002).

[19] Ara Ġen 1:1-4; Salm 33:6.

[20] Dwar dan ara, X. Léon-Dufour, *Lettura dell'Evangelo secondo Giovanni,* trad. A. Ghirlanda (Cinisello Balsamo: San Paolo), 1:118-119. L-Ittra lil Lhud 1:2 għandha kunċett li jixbah ħafna dak li naqraw fil-Prologu. Hawn ukoll naqraw li Alla "kellimna *permezz ta'* (bil-Grieg: *di'hou*) Ibnu ... u li bih għamel il-ħolqien." F'1 Kor 8:6 imbagħad, Pawlu jagħmel distinzzjoni bejn il-Missier "li minnu" (bil-Grieg: *ex hou*) ġej kollox" u Ġesù Kristu, il-*Kyrios*, "li permezz tiegħu (bil-Grieg: *di'hou*) sar kollox."

[21] Ara pereżempju, Salm 42:3; 84:3; Isa 37:4; Ġer 10:10.

[22] L-idea tal-*Logos*, bħala għajn ta' ħajja, insibuha ukoll fi Ġw 5:26, fejn Ġesù jiddikjara li "għandu l-ħajja" (bil-Grieg: *echo zoen*) fih innifsu bħal Missier. Fi Ġw 5:21, it-tema tal-ħajja hija murija f'rabta ma' Alla li "jqajjem" (bil-Grieg: *egheirein*) u "jagħti l-ħajja" (bil-Grieg: *zoopoiein*). Dawn il-prerogattivi, il-Missier jaqsamahom mal-Iben, b'mod li l-Iben għandu l-istess awtorità tal-Missier.

[23] Ara S.B. Marrow, "*Kosmos* in John," *Catholic Biblical Quarterly* 64 (2002): 90-102.

[24] Għal aktar tagħrif dwar ix-xebħ u d-differenzi bejn it-testi ta' Qumran u l-Evanġelju skont San Ġwann ara, James H. Charlesworth, "The Dead Sea Scrolls and the Gospel according to John," f'*Exploring the Gospel of John. In Honor of D. Moody Smith,* eds R. Alan Culpepper u C.Clifton Black (Louisville, Kentucky: Westminster John Knox Press, 1996), 65-97.

[25] Ara Ġw 1:9; 3:19; 12:46.

[26] Ara Miaranne Meye Thompson, "Light" *(fos).* The Philosophical Content of the Term and the Gospel of John," in *The Prologue of the Gospel of John,* eds Van Der Watt, R. Alan Culpepper, Udo Schnelle. WUNT 359 (Tübingen: Mohr Siebeck, 2016), 280.

[27] Ara Ġw 7:29; 8:55; 10:15; 17:25.

[28] Ara Ġw 8:32; 10:4; 15:15; 17:3.8.25.

[29] Ara 1:12; 5:43; 12:48; 13:20; 14:17; 17:8.

[30] Ġw 3:3.

[31] Ġw 3:5.

[32] Ġw 3:4.

[33] Ġw 3:6.

[34] Ara l-istudju komprensiv ta' Maarten J.J. Menken, "The Christology of the Fourth Gospel: A Survey of Recent Research," f'*From Jesus to John: Essays on Jesus and New Testament Christology in Honour of Marinus de Jonge.* Journal for the Study of the New Testament Supplement Seires 84, ed Martinus C. DeBoer (Sheffield: JSOT Press, 1993), 292-320.

[35] Ara l-kumment dettaljat f'Santi Grasso, *Il Vangelo di Giovanni. Commento esegetico e teologico* (Roma: Città Nuova, 2008), 55-56.

[36] Ġw 2:11. Ara wkoll, Ġw 11:4.40.

[37] Ġw 1:14.

[38] Għal studju tajjeb fuq l-espressjoni "grazzja fuq grazzja," ara Ruth B. Edwards, "*Charin anti charitos* (John 1,16). Grace and the Law in the Johannine Prologue," *Journal for the Study of the New Testament* 32 (1988): 8.

[39] Dwar dan il-punt ara, James F. McGrath, *John's Apologetic Christology. Legitimation and Development in Johannine Christology.* Socieity for New Testament Studies Monograph Series 111 (Cambridge: Cambridge Theology 40 (London: SCM, 1963); Wayne A. Meeks, *Prophet-King: Moses Traditions and the Johannine Christology* (Brill: Leiden, 1967).

[40] Ara Maurizio Marcheselli, *Studi sul vangelo di Giovanni: Testi, temi e contesto storico* (Roma: GBP, 2016), 375-404.

[41] Eżod 33:23; Dewt 4:12.

[42] Fi Ġw 13:23 naqraw xi ħaġa simili, fejn l-Evanġelista jippreżentalna lid-dixxiplu l-maħbub li iqiegħed rasu fi ħdan Ġesù (bil-Grieg: *en to kolpo*). B'dan il-mod, l-Evanġelista joħloq paralleliżmu bejn ir-rabta li hemm bejn il-Missier u l-Iben, u bejn Ġesù u dan id-dixxiplu l-maħbub.

[43] Ara P.A. McReynolds, "John 1.18 in Textual Variation and Translation," in *New Testament Textual Criticism: Its Significance for Exegesis,* eds Eldon J. Epp u Gordond Fee (Oxford: Clarendon, 1981), 105-118; John V. Dahms, "The Johannine Use of *monogenes* Reconsidered," *New Testament Studies* 29 (1983): 222-232.

[44] Dwar l-isfond Lhudi tal-Għerf ippersonifikat ara, "Incarnazione del Logos. Il Logos giovanneo alla luce della tradizione giudaica," *La Scuola Cattolica* 130 (2002): 43-75. Ara wkoll, E.L. Miller, "The Johannine Origins of the Johannine Logos," *Journal of Biblical Literature* 112 (1993): 445-457.

[45] Dwar ir-rabta tal-Prologu mal-kumplament tal-Evanġelju skont San Ġwann ara, Elizabeth Harris, *Prologue and Gospel: The Theology of the Fourth Evangelist.* Journal for the Study of the New Testament Supplement Series 107 (Sheffield: Sheffield Academic Press, 1994), 9-25.


*Il-Bażilika moderna tat-Tabor*

# GĦALL-ISKOPERTA TAT-TABOR MOĦBI

***Gianantonio Urbani***

***Studium Biblicum Franciscanum, Ġerusalemm***

*Din hi traduzzjoni tal-artiklu ta'* Gianantonio Urbani, *Alla scoperta del Tabor nascosto*, in *Terra Santa Magazine*, 5 (Settembre-Ottobre 2025), 54-58.

Imqiegħda fuq il-wita għammiela ta' Jizreel/ Esdrelon, l-għolja tat-Tabor tilħaq 588 metri fuq il-livell tal-baħar. It-territorju ta' madwar għadu jħares diversi ismijiet ta' postijiet antiki, fdalijiet u toroq ta' komunikazzjoni marbutin ma' serje ta' ġrajjiet storiċi, reġistrati minn ċertu numru ta' testi bibliċi u barra mill-Bibbja.

Polibio hu x-xhud tal-isem grieg tat-Tabor, Athabyrion, isem li aktar tard użah l-istoriku Josephus Flavius f'żewġ opri importanti, il-*De Bello Iudaico* (1,177; 2,573; 4,45.61) u *Antiquitates Iudaicæ* (5,84; 13,396). Fil-ktejjeb tal-awtobijografija tiegħu, Josephus Flavius jirrakkonta li kien iffortifika kemm il-muntanja tat-Tabor («*kai tò 'Itabúrion* óros») kif ukoll lokalijiet oħrajn fil-Galilija.

It-tribun militari Julius Placidus, li kien intbagħat mill-imperatur Ruman Vespasjanu, rebaħ fuq grupp ta' Lhud qrib is-snin 66-67 w.K. Warajh, fi żmien il-Biżantini u fil-Medjuveu, l-għolja kompliet iżżomm l-importanza strateġika u reliġjuża li kellha.



Il-kontinwità ta' binjiet u strutturi tintwera minn djarji u rakkonti ta' pellegrini, vjaġġaturi, storiċi u reliġjużi. Saru wkoll ipotesi dwar il-preżenza ta' fdalijiet ta' kult pagan fuq l-għolja, li bl-Għarbi tissejjaħ Ġebel et-Tur (il-Muntanja per eċċellenza jew anke l-Muntanja Qaddisa). Dawn kienu ġew proposti minn Patri Eugenio Alliata, arkeologu tal-Kustodja tal-Art Imqaddsa, f'artiklu li kiteb fl-1992 (E. Alliata, «*Elementi del culto pagano sul monte della Trasfigurazione*, in *Memoria Sanctorum Venerantes*. Miscellanea in onore di Mons. Victor Saxer», XLIV, 48, 1992, pp. 1-10). L-awtur jippreżenta xi fdalijiet li fosthom hemm kapitelli doriċi u iskrizzjoni bil-Grieg datata għat-II seklu q.K., li llum huma mħarsin fil-mużew ċkejken tat-Tabor. L-artiklu, permezz tal-analisi ta' xi elementi arkitettoniċi u billi jippreżenta l-ipotesi ta' bażi pjattaforma ta' tempju, wassal biex daħlet l-idea li tiġi studjata b'mod approfondit il-quċċata tal-għolja.

## Il-bażilika tallum u l-mużew ċkejken

Il-medda ta' art kbira arkeoloġika tat-Tabor

tħallina mistagħġbin quddiem id-diversi fdalijiet ta' ipoġej u binjiet ta' kult li inbnew saff fuq ieħor matul is-sekli. L-aħħar binja hi l-bażilika kbira Kristjana li ġiet ipproġettata mill-arkitett Antonio Barluzzi, u li nbniet fuq il-fdalijiet antiki ta' binjiet oħrajn u ġiet inawgurata fl-1924.

Fil-kunvent tat-Tabor hemm ukoll mużew. L-idea li jiġi mhejji spazju żgħir li fih jiġu esposti fdalijiet antiki fil-kunvent Franġiskan kienet tal-Kustodju tal-Art Imqaddsa Ferdinando Diotallevi, li fl-1924 poġġa rħama b'iskrizzjoni fid-daħla tal-mużew bħala tifkira storika importanti. L-iskrizzjoni dedikatorja tgħid hekk: «*Ne fragmenta perirent veterum aedium et populorum olim in monte exstantium P. Ferdinandus Diotallevi Custos Terrae Sanctae in hoc museo iam sacello colligenda curavit A.D. MCMXXIV*», tradott: «Sabiex ma jintilfux il-fdalijiet ta' tempji antiki u ta' popli li żmien ilu kienu jinsabu fuq il-muntanja, Patri Ferdinando Diotallevi, Kustodju tal-Art Imqaddsa, ħaseb biex dawn jinġabru f'dan il-mużew, li qabel kien jiffunzjona bħala kappella».

Dan il-mużew ċkejken, mela, kien iservi bħala post fejn jinġabru u jitħarsu l-fdalijiet li kienu ħarġu għad-dawl matul l-iskavi li kienu saru qabel ma nbniet il-bażilika moderna u l-aktar waqt li kienu qed jitqiegħdu l-pedamenti tagħha. Parti minn dawn il-pedamenti, l-aktar il-parti tal-abside, jinsabu madwar għerien u xquq naturali, li ċertament kienu abitati fl-antikità. L-iskrizzjoni turi l-mument li fih ittieħdet id-deċiżjoni li jinġabru l-fdalijiet materjali u kienet il-bidu ta' reġistrazzjoni progressiva tar-reperti li kienu jinqalgħu u li nkixfu f'din iż-żona arkeoloġika fuq il-quċċata tal-għolja.

Irridu nqisu li, biex tinbena l-bażilika moderna, kien hemm bżonn li jinqala' kwantità ta' fdalijiet ta' bini mġarraf, bil-konsegwenza li dan wassal biex jiġi eżaminat ħafna materjal arkeoloġiku. Ħafna minn dan il-materjal inġabar mir-rovini u ittieħed fl-intern tal-mużew. Mill-għejjun storiċi li ħallielna Patri Giuseppe Maria Baldi, li parti mill-materjal ittieħed Nazaret u minn hemm Ġerusalemm. Fl-1899 ġie prospettat pjan ġenerali tal-antikitajiet minn Patri Barnabè Meistermann li ħallielna kitba li tiġbor fiha l-istorja u l-arkeoloġija tal-għolja tat-Tabor.

## Mikroarkeoloġija, il-metodi moderni ta' indaġini

F'dawn l-aħħar snin saru xi indaġini ta' stil ġdid fl-arja arkeoloġika. Kien fundamentali l-kontribut tal-mikroarkeoloġija applikata għar-riċerka fuq l-għolja tat-Tabor. L-istodju tal-arkeoloġija tal-Postijiet Qaddisa permezz tal-mikroarkeoloġija hu riżorsa importanti li tintegra ruħha perfettament mal-istudju tal-antikitajiet li wieħed jista' jara b'għajnejh, u tikkontribwixxi biex wieħed ifittex il-fdalijiet kollha li tħallew minn min mar qablu fuq il-post.

L-arkeoloġija fuq is-sit innifsu, fil-fatt, iġġib magħha wkoll qerda, minħabba li din issir biex ikun hemm rikostruzzjoni stratigrafika (fuq id-diversi saffi arkeoloġiċi) tas-sit. Meta wieħed iħaffer diversi postijiet antiki, bl-azzjoni tal-mikroarkeoloġija, jista' jagħmel analiżi tal-frammenti inviżibbli għall-għajnejn biex jiddetermina u jerġa' jibni flimkien il-modi ta' imġieba umana u l-ambjent li fih ikunu seħħew fatti storiċi. Din hi strateġija ta' ġbir arkeoloġiku vera u proprja, li fiha joħorġu kampjuni u ssir analiżi u diskussjoni biex wieħed jasal għar-riżultati permezz ta' grupp ta' studjużi esperti fid-diversi dixxiplini xjentifiċi, u li jaħdmu flimkien. Fuq it-Tabor aħna applikajna din il-metodoloġija permezz tal-azzjoni taċ-«Centro di scienza archeologica» imsemmi għal Helen u Martin Kimmel u li jagħmel parti mill-Istitut Weizmann





ta' Rehovot, immexxi mill-professoressa Elisabetta Boaretto.

Bdejna billi għażilna xi postijiet li fihom stajna naqilgħu xi kampjuni. L-arja arkeoloġika tal-għolja tat-Tabor hi varjata ħafna. Għamilna tliet esperimenti ta' skavi fuq ix-xaqliba tal-lvant tal-quċċata tal-għolja. Partikolarment għażilna l-arja li tiġi taħt il-bażilika moderna, li fiha l-mina tal-aċċess għall-ipoġew tal-istess knisja, iż-żona tal-mużajk li hemm maġenb il-knisja fuq ix-xaqliba tan-nofsinhar, u fl-aħħarnett l-arja arkeoloġika quddiem il-bażilika, li tissejjaħ «il-knisja antika Benedittina». L-ewwel żewġ żoni huma llum inklużi fl-ipoġew tal-bażilika moderna u mhumiex miftuħin għall-pubbliku.

## Il-każ tat-taraġ lejn l-ipoġew tal-bażilika

Taħt id-daħla tal-bażilika jidhru turġien li jniżżlu f'binja li x'aktarx kienet post ta' kult fl-arja tal-ipoġew. Din iż-żona hi magħrufa bħala parti mill-knisja Kruċjata, li qabel kienet ukoll knisja Biżantina, u li tikkonserva t-tifkira tal-ġrajja tat-Trasfigurazzjoni tal-Mulej. Dan it-taraġ hu indikat bħala daħla għal binja ta' kult. Xi ritratti li ttieħdu lejn tmiem is-seklu 19 juru ż-żona li fiha kienu jinġabru l-fidili għaċ-ċelebrazzjoni tal-festa tat-Trasfigurazzjoni. Minn hemm inġabar xi tikħil li hemm fil-bażi tal-appoġġ bejn it-tielet u r-raba' tarġa. Dan il-ġbir ta' materjal talab attenzjoni partikulari u ħidma kbira għaliex kien preżenti biss fi kwantità minima. L-attività tal-għażla fil-passatur tal-materjal tat-tikħil saret fil-laboratorju bl-għajnuna ta' mikroskopju ottiku biex jiġu individwati l-frammenti tal-materjal li kien jidher maħruq. Il-materjal li ntagħżel tqiegħed għall-analiżi Carbon-14 (datazzjoni tar-radio-carbon). Id-datazzjoni kienet ir-riżultat ta' proċess twil tal-équipe tal-Kimmel Centre u bl-utilizz tal-aċċeleratur tal-partiċelli D-REAMS (*Dangoor Reserarch Accelerator Mass*

*Spectrometry*) tal-Istitut Weizmann.

"Parti integranti mill-formazzjoni tal-arkeologu – kiteb il-professur Stephen Weiner, riċerkatur tal-Istitut – hi li jakkwista serje ta' kompetenzi li jagħmluh kapaċi li joħroġ informazzjoni dwar l-imġieba umana tal-passat minn skavi arkeoloġiċi, b'mod ordnat u sistematiku. Dan jirrikjedi kompetenza tal-iskavi; il-kapaċità li wieħed jiddefinixxi *loci*, saffi u dettalji simili; u l-kapaċità li wieħed jidentifika l-klassijiet prinċipali tal-materjal li jiltaqa' miegħu spiss: ċeramika, għadam, carbon, eċċ... Fil-qosor, il-formazzjoni arkeoloġika tista' tiddeskriviha bħala l-kapaċità li tforni lill-istudent b'*instruments kit* biex hu joħroġ u jinterpreta b'mod affidabbli l-informazzjonijiet mid-dokumenti arkeoloġiċi. Din il-formazzjoni, fil-parti l-kbira tagħha, hi limitata għal dokumenti makroskopiċi (li wieħed jista' jarahom b'għajnejh). Il-formazzjoni trid tapplika wkoll b'mod tajjeb għal dokumenti mikroskopiċi; imma biex wieħed jiddeċifra d-dokumenti mikroskopiċi jsir ikkumplikat mill-fatt li jkun meħtieġ l-użu ta' strumenti biex dawn jidhru ċari, u din hi l-ħidma tal-mikroarkeoloġija". (S. Weiner, *Microarchaeology. Beyond the visible archaeological record*, 2010, p. 8).


*Sprall fuq it-tarag li jniżżel fl-ipoġew taħt il-Bażilika.*
*© Petrus Schüler OFM, Kumm. AI Munich*

Bl-għajnuna tal-mikroarkeoloġija, mit-tarag antik li eżaminajna, ħarġet datazzjoni u kuntest li jwassluna biex naħsbu għal sistemazzjoni ġdida tal-istess turġien f'epoka moderna, x'aktarx bejn it-tmiem tas-seklu 17 u l-bidu tas-seklu 18. Dan kien perjodu li fih kienu bdew jiġu irranġati l-antikitajiet li kienu jidhru u li fihom kien jinqala' minn postu materjal arkeoloġiku. L-istudju tal-mikroarkeoloġija imbagħad ġie applikat għal żoni oħrajn u inġabru kampjuni oħrajn ta' materjal. L-għolja tat-Tabor, għaldaqstant, ġiet magħżula bħala «laboratorju» żgħir ta' applikazzjoni tax-xjenza arkeoloġika permezz tal-għażla tal-mikroarkeoloġija.



# IL-PROFEZIJI MESSJANIĊI F'ISAIJA 7-12

*Christopher Bilocca OFM*

## Introduzzjoni

Il-profeta Isaija, bin Amos, x'aktarx li twieled f'Ġerusalemm qrib is-sena 760 Q.K. (Is 1,1). Huwa ġie msejjaħ minn YHWH ġewwa t-tempju fis-sena li fiha miet is-sultan Għużżija (742 Q.K.) (Is 6,1). Minn hawn wieħed jifhem li x'aktarx kien qassis jew profeta li serva fit-tempju. Il-ministeru tiegħu dam għal madwar erbgħin sena waqt il-ħakma ta' Ġotam, Aħaż u Ħeżekija, slaten ta' Ġuda.[1]

Il-Ktieb tal-Profeta Isaija huwa l-ewwel wieħed fost il-kotba tal-profeti posterjuri fil-Bibbja Lhudija u l-ewwel mill-profeti l-kbar fil-Bibbja Nisranija. Huwa nstab fl-eqdem kodiċi Ebrajk tat-Testi Massoretiċi li jmur lura għall-għaxar u l-ħdax -il seklu W.K.. Rotolu ieħor instab fis-sejba ta' Qumran li jmur lura bejn it-tielet u l-ewwel seklu Q.K.. Il-ktieb hu maqsum f'sitta u sittin kapitlu li skont l-istudjużi bibbliċi mhumiex kollha ġejjin dirett mill-pinna ta' Isaija. Fih ma nsibux narrattiva kontinwa li fiha bidu, żvolġiment u tmiem. Iżda huwa ktieb b'taħlita ta' storja tas-saltniet ta' Iżrael u Ġuda, esperjenzi personali tal-profeta u żidiet mid-dixxipli tiegħu li, magħquda flimkien, iwasslulna teoloġija mill-aktar profonda. L-istudji bibbliċi għarfu li hemm żewġ qasmiet ewlenin fil-ktieb mnebbħa mill-kuntest storiku, li jtul fuq żewġ sekli, u mis-suġġett. Għalhekk jaqsmu l-ktieb fi tliet taqsimiet ewlenin skont il-kapitli: 1-39, 40-55 u 56-66, u jirreferu għalihom bħala Proto-Isaija, Dewtero-Isaija u Trito-Isaija.[2]

Waħda mit-temi ċentrali tal-Proto-Isaija hija l-messjaniżmu, trattata fil-kapitli 7-12. Dawn il-kapitli huma ambjentati f'Ġerusalemm fis-seklu 8 Q.K.. Id-diżappunt min-naħa tal-poplu fuq it-tmexxija tas-slaten ta' Ġuda wassal għall-istennija ta' messija futur li jġib il-ġustizzja u l-paċi. Għalhekk huwa probabbli li l-profeta wkoll jitkellem dwar il-miġja ta' messija u l-kwalitajiet tiegħu[3]. L-istudjużi bibbliċi jirreferu għal dawn il-kapitli bħala "Il-ktejjeb tal-Emmanweli". L-isem magħżul jalludi għall-ewwel


*Ir-raħal ta' Silwan taħt it-Tempju post il-profezija tal-Għimmanu-El*
*© Petrus Schüler OFM, Kumm. AI Munich*

profezija li nsibu f'Is 7,10-16, li flimkien mat-tnejn l-oħra li nsibu f'Is 8,23b-9,6 u Is 11,1-10, joffrulna wħud mill-aktar kompożizzjonijiet ċelebri ta' Isaija. Il-Liturġija tal-Knisja tipproklamahom fiż-żmien tal-Avvent, bi preparazzjoni għall-miġja tal-Mulej Ġesù, li fiH, sa mill-ewwel żminijiet tal-Kristjaneżmu, għarfet it-twettiq ta' dawn il-profeziji messjaniċi.

## Il-kuntest storiku.

## L-oriġini u l-istennija messjanika fost il-poplu ta' Iżrael

Kien l-istudju eseġetiku, kemm fil-Ġudaiżmu kif ukoll fil-Kristjaneżmu, li stabilixxa dawn is-siltiet mill-Ktieb tal-Profeta Isaija, li fuqhom se nitkellmu, bħala profeziji messjaniċi. Dan għaliex jitkellmu mill-identità u l-kwalitajiet ta' messija mistenni. Għaldaqstant, meħtieġ li jkollna ħarsa lejn l-etimoloġija tat-terminu *messija* fil-Kotba Mqaddsa u t-tifsira tiegħu fil-kuntest storiku ta' dawn is-siltiet.

Il-kelma *messija* ġejja mill-verb Ebrajk חַשְׁמ, li litteralment tfisser tidlek lil xi ħadd biż-żejt. Għalhekk messija tirreferi għal xi ħadd li fuqu ġie msawwab iż-żejt, il-midluk. Fil-perjodu ta' qabel l-eżilju, id-dilka biż-żejt kienet issir fuq is-sultan[4]. Hekk nsibu l-eżempju ta' Sawl (1Sam 10,1) u ta' David (1Sam 16,13) li ġew midluka mill-profeta Samwel. L-użanza tad-dilka biż-żejt, x'aktarx meħuda minn popli oħra antiki tal-Lvant, kienet tissimbolizza l-konsagrazzjoni tas-sultan u għalhekk, fil-każ ta' Iżrael, dak magħżul minn YHWH sabiex ikun prinċep fuq Iżrael u jmexxi l-poplu tiegħU.

Iż-żmien tal-monarkija, fl-istorja tal-poplu ta' Iżrael, beda għal raġunijiet politiċi u l-figura tas-sultan, għall-bidu, ma kelliex konnotazzjoni reliġjuża. Kienet il-profezija ta' Natan li stabilixxiet din il-konnotazzjoni meta rrivelat dimensjoni ġdida fil-patt ta' YHWH. Hekk kif Alla għamel patt ma' Abraham li minnu kellu joħroġ il-poplu tiegħU u kif għamel patt


Silwan u En-Rogel, il-post tal-Profezija tal-Ghimmanu-El

mal-poplu l-magħżul sabiex jiggarantilu l-ħelsien, hekk Alla għamel patt ma' David u wiegħdu li d-dinastija tiegħu kienet se tibqa' għal dejjem (2Sam 7,16). Il-profezija ta' Natan tirrivela r-relazzjoni bejn YHWH u d-dixxedent ta' David: "Jiena nkun għalih missier, u hu jkun għalija iben" (2Sam 7,14a). Għall-kuntrarju ta' popli oħra kontemporanji għall-poplu ta' Iżrael, is-sultan ma kienx idealizzat bħala xi alla iżda kien meqjus bħala l-iben addottat minn YHWH[5]. Kif YHWH kien mal-poplu ta' Iżrael sa mill-ħruġ tiegħu mill-Eġittu, hekk permezz tad-dinastija Davidika, kien se jkompli jiggarantixxi l-ħelsien u l-paċi fost dan il-poplu (2Sam 7,10-11).

Din il-profezija tat bidu għall-kunċett ta' messjaniżmu rjali. Il-poplu ta' Iżrael, u aktar tard wara l-qasma tas-saltna, l-poplu Lhudi, kien dejjem jittama fil-miġja ta' messija-sultan ideali mid-dar ta' David li jtemm il-wegħda tal-profezija ta' Natan. Liema tama kienet tiġi mġedda u trasferita minn sultan għall-ieħor minħabba li dawn, kif turi l-istorja, kienu xbieha xejn perfetta ta' dan l-ideal[6].

## Is-sitwazzjoni storika u politika fi żmien il-Proto-Isaija

Fis-seklu 8 Q.K., ix-xena politika u militari fil-Lvant Nofsani kienet maqsuma fuq żewġ livelli. Fl-ogħla livell ta' setgħa kien hemm l-imperi li f'dak iż-żmien kienu dawk tal-Eġittu, l-Assirja, il-Babilonja u l-Persja. Dawn kollha kienu organizzati b'tali mod li espandew it-territorju tal-ħakma tagħhom u żammew kontroll fuq il-pajjiżi sottomessi għalihom. Fil-livell ta' taħt kien hemm imbagħad bosta saltniet f'taqbida kontinwa bejniethom u kollha f'sitwazzjoni kritika sabiex iżommu l-indipendenza tagħhom. Fost dawn is-saltniet kien hemm dawk li kienu jinsabu fiż-żona siro-palestinjana: Ġuda, Iżrael, Aram (Sirja), Moab, Edom, Filistja u Feniċja[7].

Fl-ewwel nofs tas-seklu 8 Q.K., wara l-mewt ta' Adad-Nirarni III, l-Imperu Assirjan waqaf mill-espansjoni tiegħu lejn il-Punent u dan għen sabiex is-saltniet iż-żgħar fiż-żona siro-palestinjana jifjorixxu. Iżda s-sitwazzjoni nbidlet hekk kif l-Imperu Assirjan għadda taħt il-ħakma ta' Tiglat-Pileser III fis-sena 746 Q.K.. Dan kien mexxej ta' ħila politika u gwerrier qalbieni. Fl-ispedizzjonijiet tiegħu addotta s-sistema tad-deportazzjoni u b'hekk qajjem biża' fost is-saltniet tal-Lvant Nofsani, b'mod partikolari meta ħabat għas-sultan tal-Babilonja u l-poplu Aramew tal-Punent[8].

Sadanittant, fis-saltna ta' Iżrael, wara l-mewt ta' Ġerobogħam II (743 Q.K.), inqalgħu kwistjonijiet interni li ġabu magħhom instabbiltà kbira. F'temp ta' sena s-saltna ta' Iżrael għaddiet minn taħt il-ħakma ta' tliet slaten differenti: Żakkarija bin Ġerobogħam II, li ġie maqtul wara sitt xhur minn Sallum li ħadlu postu (2Slat 15,8-10), u Menaħem li qatel lil Sallum u ħadlu s-saltna wara biss xahar li beda jsaltan (2Slat 15,13-14). Menaħem kien ġej mill-partit favur l-Assirja u għalhekk addotta pożizzjoni ta' sottomissjoni lejn Tiglat-Pileser III bħala vassal tiegħu u beda jħallas l-offerti lill-Assirja[9]. Warajh ħadlu postu ibnu Pekaħija (738 Q.K.), li dam isaltan sentejn sakemm inqatel minn Pekaħ bin Remalija (737 Q.K.). Dan Pekaħ kien jaħkem fuq is-saltna ta' Gilgħad, fuq il-Lvant tal-Ġordan, u b'hekk wara li ħa t-tron ta' Pekaħija, għaqqad iż-żewġ saltniet flimkien. Huwa addotta sistema kuntrarja għal dawk ta' qablu u waqqaf alleanza ma' Resin, sultan ta' Aram, li flimkien ħadu pożizzjoni kontra l-imperu Assirjan.

Iżda t-theddida mill-Imperu Assirjan kienet teħtieġ difiża b'saħħitha u għalhekk Pekaħ u Resin ħasbu sabiex isieħbu magħhom is-saltna ta' Ġuda bl-iskop, li minħabba l-pożizzjoni ġeografika strateġika tagħha, setgħet twassal biex jissieħeb ukoll f'din il-koalizzjoni l-Eġittu[10]. F'dan il-perjodu s-saltna




ta' Ġuda kienet mmexxija minn Għużżija, imsejjaħ ukoll Għażarija (781 - 740 Q.K.), u warajh ibnu Ġotam. It-tnejn li huma kienu jafu li s-saltna ta' Ġuda kienet żgħira wisq biex teħodha kontra l-Imperu Assirjan u għalhekk, mis-sena 742 Q.K., kienu ġa jħallsu l-offerti tagħhom lill-Assirja[11]. Is-sejħa għall-koalizzjoni min-naħa ta' Iżrael u Aram kienet saret lil Ġotam iżda dan ma tax kashom. Wara l-mewt ta' Ġotam (736 Q.K.), laħaq sultan ta' Ġuda ibnu Aħaż li malajr sab ma' wiċċu din is-sitwazzjoni xejn feliċi. Dan wassal għal dik li kienet imsejħa l-gwerra Siro-Efrajmita (734 Q.K.)[12]. Is-saltna ta' Iżrael u ta' Aram, meta raw li s-sejħa tagħhom għall-koalizzjoni ma' waslet imkien, iddeċidew li jaħbtu għal Ġerusalemm bil-ħsieb li jeħilsu mis-sultan Aħaż u jpoġġu minfloku lil bin Tabal (Is 7,6).

Huwa f'dan il-kuntest li nsibu l-ewwel profezija messjanika f' Isaija 7. Il-profeta Isaija jiġi mibgħut minn Alla, flimkien ma' ibnu Sijarjasub, għand Aħaż sabiex iħeġġu ħalli ma jibżax; għax jekk jafda f' YHWH, s-saltna ta' Ġuda ma kinetx se taqa' (Is 7,1-9). Bħala sinjal ta' din il-wegħda Isaija jħabbar it-twelid ta' iben minn xebba, li "ssemmih Għimmanu-el" (Is 7,14). Iżda s-sultan Aħaż, aktar milli afda f'YHWH, iddeċieda li jitlob l-appoġġ ta' Tiglat-Pileser III[13].

L-Imperu Assirjan kien sema' b'dak li kienet qegħda taħmi l-alleanza ta' Pekaħ u Resin u għalhekk beda l-attakki tiegħu sabiex jikkontrolla s-sitwazzjoni. Fis-sena 734 Q.K. Tiglat-Pileser III ħa kontroll tal-kosta tal-Mediterran minn Dor sa' Gaża, imsejħa t-triq tal-baħar, biex hekk jippreveni fl-eventwalità ta' intervent min-naħa tal-Eġittu[14]. Fis-sentejn ta' wara fassal kampanja kontra Pekaħ, fejn attakka bosta bliet fil-Galilija biex okkupa parti kbira mis-saltna ta' Iżrael u ħa taħt idejh ir-reġjun ta' Gilgħad, fuq il-Lvant tal-Ġordan[15]. L-ispedizzjonijiet militari komplew fis-Saltna ta' Aram sakemm fis-sena 732 Q.K., il-belt ta' Damasku wkoll waqgħet taħt l-Imperu Assirjan. Riżultat devastanti għas-saltna ta' fuq u ta' Aram hekk kif ħafna ġew deportati fl-eżilju. Is-saltna ta' Iżrael ġiet ridotta għat-territorju ta' Efrajm, hekk kif il-belt tas-Samarija baqgħet ma nqerditx, iżda ż-żewġ saltniet spiċċaw vassalli u kellhom iħallsu t-tribut lill-Imperu Assirjan[16].

F'dan il-kuntest isseħħ it-tieni profezija messjanika li nsibu f'Is 8,23–9,6. Fl-isfond ta' qtigħ il-qalb u umiljazzjoni għas-saltna ta' Ġuda, li kienet saret vassall tal-Imperu Assirjan u li kull ma jmur kienet qed tiddgħajjef, it-twelid ta'

eredi ġdid għas-saltna ġab miegħu tama ġdida għall-poplu Lhudi. Fil-persuna ta' Ħeżekija bin Aħaż, il-poplu kien jittama li s-sitwazzjoni tinbidel u jkun prinċep li jġib is-sliem fuq id-dar ta' David (Is 9,5).

Sadanittant Tiglat-Pileser III miet fis-sena 727 Q.K. u ħalla l-imperu f'idejn ibnu Salmaneser V. Hekk ukoll Pekaħ ġie maqtul mill-partit favur l-Assirja u s-saltna ta' Iżrael għaddiet taħt Ħosea. Kull ma jmur il-partit kontra l-Assirja beda jerġa' jiddomina s-Samarija u dan wassal sabiex terġa' tinħema konfoffa flimkien mal-Eġittu kontra l-Assirja. Liema konfoffa waslet għall-widnejn Salmaneser V, li ħabat għas-Samarija sakemm inqerdet fis-sena 722 Q.K.. Fl-istess sena miet Salmanaser V u l-imperu Assirjan għadda taħt Sargon II, li kompla fuq ta' qablu. Is-sitwazzjoni kompliet tiggrava hekk kif Sargon II kompla bil-gwerer kemm fil-Babilonja kif ukoll mal-Eġizzjani fin-naħa t'isfel ta' Gaza. Dawn tal-aħħar ġew megħluba u deportati fl-Assirja fis-sena 720 Q.K.[17].

Dan kien ifisser li l-madwar kollu tas-saltna ta' Ġuda kien qed jittieħed taħt il-ħakma tal-Assirja. Is-sultan Aħaż, taħt din it-theddida, ma kellu l-ebda għażla għajr li jibqa' sottomess lejn l-Assirja[18]. Fl-isfond ta' dan il-kuntest isseħħ it-tielet profezija li nsibu f'Is 11,1-10. Il-wegħda tal-profeta Isaija sseħħ hekk kif is-saltna ta' Ġuda baqgħet wieqfa filwaqt li s-saltniet tal-madwar inqerdu. YHWH Hu li qed imexxi kollox u t-tama tal-poplu ma ntemmitx hekk kif madwar is-sena 716 Q.K., wieħed min-nisel ta' Ġesse, Ħeżekija bin Aħaż, ġie midluk sultan.

## Referenzi

[1] North C. R., *Isaiah*, in *The Interpreter's Dictionary of the Bible. An Illustrated Encyclopedia*, II/E-J, edited by George Arthur Buttrick and others, Nashville/tn 1962, 732.

[2] Ibid., 734-735.

[3] Ibid., 734.

[4] E. Jenni, *Messiah*, in *The Interpreter's Dictionary of the Bible. An Illustrated Encyclopedia*, III/K-Q, edited by George Arthur Buttrick and others, Nashville/tn 1962, 360.

[5] Ibid., 361.

[6] Ibid..

[7] John D. W. Watts, *Isaiah 1-33*, in *World Biblical Commentary*, 24, edited by Bruce M. Metzger – David A. Hubbard – Gen W. Barker, Grand Rapids/mi 2004, 113-114.

[8] Bruno Pennacchini, *Introduzione alla storia d'Israele nell'epoca dell'Antico Testamento*, Assisi 2000, 165-168.

[9] Ibid., 167-168.

[10] Ibid., 169.

[11] John D. W. Watts, 112.

[12] Bruno Pennacchini, 169.

[13] Ibid., 170.

[14] Ibid..

[15] John D. W. Watts, 172.

[16] Bruno Pennacchini, 170.

[17] Ibid., 171, 176.

[18] Ibid., 176.

## Ġedded l-Abbonament tiegħek

L-ART Imqaddsa
RIVISTA BIBLIKA




# ABBONAMENT:

## €10 fis-sena
## €15 jew aktar Sostenitur

**Toħroġ kull 3 xhur**

**Kummissarjat tal-Art Imqaddsa**
8, Triq Santa Luċija,
Valletta, VLT 1213
Malta
Tel: 2124 2254
E-mail: comalt@ofm.org.mt
www.ofm.org.mt

*Jekk irċevejt ir-Rivista b'xejn għaliex ġejt l-Art Imqaddsa mal-Franġiskani, ħallas l-abbonament biex tkompli tirċiviha.*

## Tiġdid L-Art Imqaddsa 2026

Kunjom ____________________

Isem ____________________

Indirizz ____________________

____________________

____________________

Kodiċi Postali ____________________

Qed nibgħat € ____________
bħal abbonament għall-2026



**Ikteb jew ċempel:**
**Kummissarjat tal-Art Imqaddsa**

8, Triq Santa Luċija,
Valletta VLT 1213, Malta
Tel: 2124 2254
E-mail: comalt@ofm.org.mt
www.ofm.org.mt